ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali C 224 E
## tal-Unjoni Ewropea

Edizzjoni bil-Malti — Informazzjoni u Avviżi — Volum 53 — 19 ta' Awwissu 2010

Avviż Nru — Werrej — Paġna


I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

SESSJONI 2009-2010

Dati tas-seduti: 15 ta' Lulju u 14 – 17 ta' Settembru 2009

Il-Minuti tas-sessjoni tal-14 – 16 ta' Lulju 2009 ġew ippubblikati fil-ĠU C 47 E, 25.2.2010.

Il-Minuti tas-sessjoni tal-14 – 17 ta' Settembru 2009 ġew ippubblikati fil-ĠU C 22 E, 29.1.2010.

TESTI ADOTTATI

**L-Erbgħa, 16 ta' Settembru 2009**

2010/C 224 E/01 — In-nirien tal-foresti fis-sajf 2009

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Settembru 2009 dwar in-nirien tal-foresti fis-sajf 2009 ......... 1

**Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2009**

2010/C 224 E/02 — SWIFT

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-ftehima internazzjonali prevista biex id-Dipartiment tat-Teżor tal-Istati Uniti jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu data minn messaġġi ta' pagamenti finanzjarji għall-fini tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-finanzjament tat-terroriżmu ........................ 8

2010/C 224 E/03 — KE-Taġikistan: Ftehima ta' Sħubija u Koperazzjoni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehima ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra ........................................................................ 12

2010/C 224 E/04 — Is-Sitwazzjoni fil-Litwanja wara l-adozzjoni dwar il-ħarsien tal-minorenni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-Liġi Litwana dwar il-Ħarsien tal-Minorenni kontra l-Effetti Negattivi tal-Informazzjoni Pubblika ....................................................... 18


MT

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

2010/C 224 E/05 — Kriżi fis-settur tal-produzzjoni tal-lattiċini

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-kriżi fis-settur tal-produzzjoni tal-lattiċini 20

2010/C 224 E/06 — Sigurtà tal-enerġija (Nabucco u Desertec)

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2009 dwar aspetti esterni tas-sigurtà tal-enerġija ..... 23

2010/C 224 E/07 — Qtil ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-qtil ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja ..... 27

2010/C 224 E/08 — Il-Każakistan : il-każ ta' Yevgeny Zhovtis

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-każ ta' Yevgeny Zhovtis fil-Każakistan 30

2010/C 224 E/09 — Is-Sirja: Il-każ ta' Muhannad al-Hassani

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2009 dwar is-Sirja: il-każ ta' Muhannad al-Hassani ... 32

## II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Parlament Ewropew**

**L-Erbgħa, 15 ta' Lulju 2009**

2010/C 224 E/10 — Is-saħħa numerika tal-kumitati

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Lulju 2009 dwar is-saħħa numerika tal-kumitati ..... 34

**It-Tnejn, 14 ta' Settembru 2009**

2010/C 224 E/11 — Is-saħħa numerika tad-delegazzjonijiet

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2009 dwar is-saħħa numerika tad-delegazzjonijiet interparlamentari, tad-delegazzjonijiet għall-kumitati parlamentari konġunti u tal-Assemblej Parlamentari multilaterali ... 36

## III *Atti preparatorji*

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tnejn, 14 ta' Settembru 2009**

2010/C 224 E/12 — L-approvazzjoni tal-ħatra tas-Sur Algirdas Šemeta bħala Membru tal-Kummissjoni

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2009 dwar l-approvazzjoni tal-ħatra tas-Sur Algirdas Šemeta bħala Membru tal-Kummissjoni ..... 39

MT

*(Tkompli fuq paġna 57)*

**L-Erbgħa, 16 ta' Settembru 2009**

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## In-nirien tal-foresti fis-sajf 2009

P7_TA(2009)0013

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Settembru 2009 dwar in-nirien tal-foresti fis-sajf 2009**

(2010/C 224 E/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 6 u 174 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2008 dwar it-tisħiħ tal-kapaċità ta' reazzjoni tal-Unjoni għad-diżastri [1], tal-4 ta' Settembru 2007 dwar id-diżastri naturali [2], tas-7 ta' Settembru 2006 dwar in-nirien tal-foresti u l-għargħar fl-Ewropa [3], tal-5 ta' Settembru 2002 dwar l-għargħar fl-Ewropa [4], tal-14 ta' April 2005 dwar in-nixfa fil-Portugall [5], tat-12 ta' Mejju 2005 dwar in-nixfa fi Spanja [6], tat-8 ta' Settembru 2005 dwar id-diżastri naturali (nirien u għargħar) fl-Ewropa [7], u r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-18 ta' Mejju tal-2006 dwar id-diżastri naturali (nirien tal-foresti, nixfiet u għargħar) – aspetti agrikoli [8], aspetti ta' żviluppi reġjonali [9], u aspetti ambjentali [10],

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779/KE, Euratom tat-8 ta' Novembru 2007 li tistabbilixxi Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili (imfassla mill-ġdid) [11],

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (COM(2005)0108) u l-pożizzjoni tal-Parlament tat-18 ta' Mejju 2006 [12],

---

(1) Testi Adottati, P6_TA(2008)0304.
(2) ĠU C 187 E, 24.07.2008, p. 55.
(3) ĠU C 305 E, 14.12.2006, p. 240.
(4) ĠU C 272 E, 13.11.2003, p. 471.
(5) ĠU C 33 E, 9.2.2006, p. 599.
(6) ĠU C 92 E, 20.4.2006, p. 414.
(7) ĠU C 193 E, 17.8.2006, p. 322.
(8) ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 363.
(9) ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 369.
(10) ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 375.
(11) ĠU L 314, 1.12.2007, p. 9.
(12) ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 331.

**L-Erbgħa, 16 ta' Settembru 2009**

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 3/2008 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea: kemm hu mgħaġġel, effiċjenti u flessibbli?",

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Kummissjoni 2008 dwar il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea u r-Rapport dwar l-esperjenza miksuba wara sitt snin ta' applikazzjoni tal-istrument il-ġdid,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar l-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar ([1]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/162/KE, Euratom tal-5 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Strument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili ([2]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Intern tat-12 u t-13 ta' Ġunju 2007 dwar it-titjib tal-ħila ta' koordinazzjoni taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ u ta' Informazzjoni (MIC) fil-mekkaniżmu Komunitarju għall-protezzjoni ċivili,

— wara li kkunsidra r-rapport ta' Michel Barnier tad-9 ta' Mejju 2006 intitolata "Ghal forza Ewropea għall-protezzjoni ċivili: għajnuna Ewropea",

— wara li kkunsidra l-punt 12 tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2006 dwar ir-reazzjoni tal-Unjoni għall-emerġenzi, il-kriżijiet u d-diżastri,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Frar 2009 intitolata "Approċċ Komunitarju dwar il-prevenzjoni tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem" (COM(2009)0082 finali),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni adottata unanimament tal-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja dwar il-"Protezzjoni ċivili u l-prevenzjoni ta' diżastri naturali u ekoloġiċi fir-reġjun Ewro-Mediterranju",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fl-2009 s-sajf reġa' ġab miegħu nirien u għargħar mhux ikkontrollati u devastanti madwar in-Nofsinhar tal-Ewropa, li affettwaw lill-Istati Membri, lir-reġjuni periferiċi, lill-pajjiżi applikanti u lill-ġirien fil-qrib tal-UE, u li kkaġunaw kemm tbatija għall-bniedem, fejn mietu tal-anqas 11-il ruħ, kif ukoll ħsara ambjentali u materjali immensa,

B. konxju li, skont is-Sistema ta' Informazzjoni Ewropea dwar in-Nirien tal-Foresti, l-erja totali ta' veġetazzjoni u boskijiet milquta min-nirien fl-Ewropa dan is-sajf kienet aktar minn 315 000 ettaru, u filwaqt li jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex taġixxi malajr biex timmobilizza r-riżorsi tal-UE ghaz-zoni milquta,

C. billi n-nixfa u n-nirien persisteni qegħdin iħaffu l-proċess ta' deżertifikazzjoni ta' zoni kbar tan-Nofsinhar tal-Ewropa, u nqerdu aktar minn 400 000 ettaru fis-sena ta' foresta Ewropea f'dawn l-aħħar 10 snin, b'riżultat ta' dannu gravi għall-kwalità tal-ħajja tal-popolazzjonijiet milquta, u li qed jintlaqtu l-agrikoltura, it-trobbija tal-bhejjem u l-wirt tal-foresti,

D. billi, matul id-deċennji li ġejjin, minkejja l-isforzi tagħna ta' mitigazzjoni globali, se jkun hemm żieda inevitabbli fit-temperatura globali, b'effetti partikolarment avversi għan-Nofsinhar tal-Ewropa, li huwa mbassar li se jkun reġjun estremament vulnerabbli f'termini ta' bidla fil-klima u li diġà għadda minn nirien inkontrollati ta' kobor mingħajr preċedenti fl-2007 bħala riżultat dirett tal-mewġiet ta' sħana estrema ta' dik is-sena,

([1]) ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27.
([2]) ĠU L 71, 10.3.2007, p. 9.

E. billi l-frekwenza, il-gravità, il-komplessità u l-impatt tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem fl-Ewropa żdiedu b'ħeffa matul is-snin li għaddew, b'riżutlat ta' telf ta' ħajjiet umani u beni, b'effetti katastrofiċi fit-terminu l-qasir u fit-terminu t-twil fuq l-ekonomija tar-reġjuni affettwati, inkluż it-telf tal-wirt naturali u kulturali, il-qirda tal-infrastruttura ekonomika u soċjali, u d-dannu għall-ambjent (fil-każ ta' nirien mhux ikkontrollati mill-bniedem, ta' telf tal-ħabitats naturali u tal-bijodiversità, ta' deterjorament tal-mikroklima u ta' żieda fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra),

F. wara li kkunsidra l-konsegwenzi dannużi ekonomiċi u soċjali tad-diżastri naturali għall-ekonomiji lokali u reġjonali, kemm f'setturi bħalma huma t-turiżmu kif ukoll mil-lat tal-attività produttiva inġenerali,

G. billi l-prevenzjoni hija ta' importanza partikulari fir-rigward tal-ħarsien kontra d-diżastri naturali, teknoloġiċi u ambjentali,

H. billi l-fenomenu tan-nirien tal-foresti huwa aggravat ukoll mill-abbandun progressiv tal-kampanja u tal-attivitajiet tradizzjonali tagħha, minn manutenzjoni inadegwata tal-foresti, mill-eżistenza ta' firxiet kbar ta' foresta li jkun fihom speċi waħda ta' siġar, mit-taħwil ta' varjetajiet ta' siġar mhux idonei, min-nuqqas ta' politika ta' prevenzjoni xierqa u kastigi li mhumiex ta' severità adegwata fil-każ ta' nirien li jkunu tqabbdu apposta, kif ukoll mill-implimentazzjoni inadegwata tal-liġijiet li jipprojbixxu l-bini illegali u li jiżguraw ir-riafforestazzjoni,

I. billi ċerti Stati Membri għad ma għandhomx reġistru tal-artijiet komplut u reġistru u mapep forestali xierqa, li, flimkien mal-implimentazzjoni inadegwata tal-liġijiet li jipprojbixxu l-bini illegali fuq l-arji maħruqin, jikkostitwixxu vakwu li jwassal għal bidliet fl-użu tal-art u riklassifikazzjoni tal-art forestali għall-użu ta' kostruzzjoni u spekulazzjonijiet finanzjarja,

J. billi l-Mekkaniżmu Komunitarju għall-Protezzjoni Ċivili ġie attivat ripetutament fl-aħħar ftit snin,

K. billi d-diżastri naturali bħalma huma n-nirien tal-foresti li dejjem qed ikunu aktar spissi fin-Nofsinhar tal-Ewropa jista' jkollhom dimensjoni transkonfinali minħabba l-ħeffa li biha jinfirxu minn fejn ikunu bdew u l-ħila li għandhom li jibdlu d-direzzjoni mingħajr mistenni, u għalhekk jeħtieġu reazzjonijiet flessibbli, rapidi, ikkoordinati u multilaterali; wara li kkunsidra wkoll l-ħsara estensiva li jistgħu jikkawżaw lill-proprjetà, lill-ħajja tal-bniedem, lill-attivitajiet ekonomiċi u lill-ambjent reġjonali,

L. billi l-Parlament ripetutament ħeġġeġ lill-Presidenzi tal-Kunsill jilħqu deċiżjoni dwar Regolament għal Fond ta' Solidarjetà ġdid sa mill-adozzjoni tal-pożizzjoni tiegħu f'Mejju 2006,

M. billi, sa mill-ħolqien tiegħu fl-2002, il-Fond ta' Solidarjetà ta appoġġ finanzjarju ta' aktar minn EUR 1.5 biljuni,

N. filwaqt li l-Qorti tal-Awdituri tiddikjara li l-Fond ta' Solidarjetà "laħaq l-objettiv tiegħu, li huwa li juri solidarjetà mal-Istati Membri f'sitwazzjonijiet ta' diżastru", minkejja illi l-aktar problema importanti tibqa' n-nuqqas ta' rapidità li biha l-Fond jista' jiġi attivat bħala strument għall-immaniġjar tal-kriżijiet,

O. billi l-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li jittejbu t-trasparenza u s-sempliċità tal-kriterji li jirregolaw il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà,

P. billi l-Parlament Ewropew issottometta riżoluzzjonijiet suċċessivi sa mill-1995 li jitolbu urġentement diversi inizijattivi tal-Unjoni Ewropea biex ikunu missielta n-nirien inkontrollati fin-Nofsinhar tal-Ewropa, li jew qatt ma kienu implimentati jew tħallew inkompleti u ineffettivi,

**L-Erbgħa, 16 ta' Settembru 2009**

1. Jesprimi l-kondoljanzi u s-solidarjetà qawwija tiegħu mal-qraba ta' dawk li mietu u mar-residenti taz-zoni affettwati, u jfaħħar lill-ħaddiema tat-tifi tan-nar, lis-suldati, professjonisti u voluntiera, li stinkaw bla waqfien u bi qlubija biex jitfu n-nirien, isalvaw in-nies u jillimitaw il-ħsara mid-diżastri naturali ta' dan is-sajf;

2. Jiddispjaċih għan-nuqqas ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'riżoluzzjonijiet preċedenti tal-Parlament Ewropew dwar is-suġġett tad-diżastri naturali;

3. Jinnota li d-dannu kkawżat min-nirien forestali seta' kien prevenut li kieku ċerti Stati Membri żviluppaw u implimentaw politika ta' prevenzjoni aktar effiċjenti u leġiżlazzjoni adegwata dwar il-konservazzjoni u l-użu approprijat tal-art;

4. Huwa tal-opinjoni li l-Kummissjoni għandha tissottometti proposta għal strateġija Ewropea biex ikunu missielta d-diżastri naturali, inkluż approċċ tassattiv għall-prevenzjoni tar-riskju, u tfassal protokoll għal azzjoni uniformi għal kull tip ta' diżastru fl-Unjoni; jemmen ukoll li din l-istrateġija għandha tagħti attenzjoni partikolari lir-reġjuni magħmulin minn gzejjer u periferiċi b'densità ġeografika baxxa;

5. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-miżuri għall-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar jiffokaw fuq il-prevenzjoni; jikkunsidra li tali miżuri, li jaħdmu skont in-natura u mhux bil-kontra tagħha, għandhom jipproteġu lin-nies, lill-beni immobbli u lill-ambjent, u jgħinu biex jinkiseb immaniġġjar tal-ilma ambjentalment sostenibbli, biex jintlaħaq l-objettiv tal-UE għall-bijodiversità u biex tinkiseb l-istrateġija ta' adattament tal-UE rigward il-bidla fil-klima;

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà attwali tal-UE bl-iktar mod flessibbli li huwa possibbli u mingħajr dewmien biex ikunu assistiti l-vittmi tad-diżastri naturali ta' dan is-sajf;

7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja r-riabilitazzjoni tar-reġjuni li sofrew dannu kbir, tirrestawra l-ħabitats naturali taz-zoni milquta, tfittex li tniedi mill-ġdid il-ħolqien tal-impjiegi u tieħu miżuri approprjati biex tikkumpensa l-kostijiet soċjali inerenti fit-telfien tal-impjiegi u ta' għejun oħrajn ta' dħul;

8. Jilqa' b'sodisfazzjon il-koperazzjoni u l-għajnuna offerta mill-Istati Membri l-oħra liz-zoni milquta fil-qafas tal-Mekkaniżmu Komunitarju għall-Protezzjoni Ċivili; jappoġġja t-tkomplija tal-proġett pilota għall-ġlieda kontra n-nirien tal-foresti, u jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta b'mod urġenti dwar il-proġett pilota sabiex tiżdied il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri kif ukoll l-azzjoni preparatorja dwar il-kapaċità tal-UE għal reazzjoni rapida, u jitlob li jitressqu proposti leġiżlattivi li jistabbilixxu kapaċità Komunitarja ġenwina ta' reazzjoni rapida li tkopri n-nirien tal-foresti u tipi oħra ta'diżastri;

9. Jisħaq fuq l-urġenza kbira ferm ta' din il-kwistjoni u għalhekk jitlob li tinħoloq forza Ewropea effettiva li tkun tista' tirreaġixxi immedjatament fl-emerġenzi, kif propost fir-rapport Barnier imsemmi hawn fuq; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, għaldaqstant, biex tressaq proposti konkreti għal kapaċità ta' koperazzjoni Ewropea li tista' tirreaġixxi aktar malajr għad-diżastri naturali;

10. Iqis li l-esperjenza reċenti u dik tas-snin li għaddew tenfasizza l-ħtieġa ta' rinforz ulterjuri tal-protezzjoni ċivili, l-istat ta' tħejjija preventiva u l-kapaċità ta' intervent tal-Komunita' fir-rigward tan-nirien tal-foresti u oħrajn mhux ikkontrollati fin-Nofsinhar tal-Ewropa, u jħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni tieħu azzjoni għal dan il-fini, biex tiżgura espressjoni viżibbli tas-solidarjetà Ewropea lejn il-pajjiżi milquta b'emerġenzi kbar; jappoġġja l-attivitajiet immirati biex itejbu t-tħejjija għall-protezzjoni ċivili tal-Istati Membri, b'mod partikolari permezz ta' skambju ta' esperti u l-aqwa prattiki, proġetti ta' eżerċizzji u tħejjija;

11. Jirrikonoxxi l-kontribut taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ u ta' Informazzjoni (MIC) lejn l-appoġġ u l-iffaċilitar tal-mobilizzazzjoni u l-koordinazzjoni ta' għajnuna għall-protezzjoni ċivili waqt l-emerġenzi;

12. Jenfasizza r-responsabilità individwali tal-Istati Membri għal miżuri rigward il-protezzjoni ċivili u l-kontroll tad-diżastri kif ukoll ir-responsabilità ewlenija tagħhom fir-rigward tal-prevenzjoni u t-tifi tan-nirien; jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-azzjoni meħtieġa biex twaqqaf forza ta' reazzjoni Ewropea permanenti u indipendenti biex tgħin lill-Istati Membri u lir-reġjuni milquta waqt nirien tal-foresti kbar u diżastri oħra, filwaqt li tipprovdi l-aqwa tagħmir u kompetenza; jinnota f'dan ir-rigward li l-Kummissjoni Ewropea għandha tistudja modi ta' kif ikollha aċċess għal kapaċità addizzjonali li tista' tkun disponibbli minn sorsi oħra inklużi riżorsi privati, sabiex tiżgura reazzjoni rapida għal emerġenzi kbar;

13. Jiddispjaċih bil-kbir għall-fatt li seħħet qerda daqstant kbira waqt in-nirien f'ċerti Stati Membri li dan l-aħħar kienu milquta minn nirien ta' kobor simili; iqis li jeħtieġ b'konsegwenza ta' dan li ssir eżaminazzjoni immedjata tal-adegwatezza tal-miżuri ta' prevenzjoni u tħejjija sabiex jiġi żgurat li jittieħdu l-lezzjonijiet meħtieġa sabiex ikunu evitati u limitati l-effetti devastanti ta' diżastri simili fl-Istati Membri fil-ġejjieni; f'dan ir-rigward, iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti lill-Istati Membri d-dettalji dwar il-programmi operattivi tagħhom li jeżistu sabiex jiffaċċjaw id-diżastri naturali, bil-għan li jinqasmu l-esperjenzi u jintlaħqu l-konklużjonijiet dwar miżuri immedjati, il-koordinazzjoni ta' entitajiet amministrattivi u operattivi u d-disponibilità tar-riżorsi umani u materjali neċessarji;

14. Jiddeplora l-fatt li bosta każijiet ta' nirien tal-foresti jidher li nbdew b'atti ta' inċendju, u b'mod partikolari huwa mħasseb li l-atti kriminali ta' inċendju kull ma jmur qegħdin ikunu jaħtu għan-nirien tal-foresti fl-Ewropa; jistieden għalhekk lill-Istati Membri biex isaħħu u jutilizzaw s-sanzjonijiet penali għal atti kriminali li jagħmlu ħsara lill-ambjent u, b'mod partikolari, għal dawk li jikkawżaw in-nirien tal-foresti, u huwa tal-fehma li investigazzjoni f'waqtha u effikaċi biex tkun stabbilita r-responsabilita', segwita minn piena proporzjonata, tiskoraġġixxi l-imġiba traskurata u deliberata;

15. Jitlob is-sanzjoni tal-ħlas lura tal-għajnuna Komunitarja mill-Istat Membru jekk dan ma jagħmilx riforestazzjoni kompleta fiz-zoni affettwati jew jippermetti bidla fl-użu tal-art għal kwalunkwe żvilupp spekulattiv jew proġetti turistiċi;

16. Jikkundanna l-prattika tal-legalizzazzjoni tal-kostruzzjonijiet illegali f'zoni protetti u mhux awtorizzati;

17. Jenfasizza l-fatt li l-inċendjaturi, b'mod speċjali dawk li jgawdu mill-bini mill-ġdid jew mill-art tal-foresta, jaf jiġu inkoraġġiti minn liġijiet li ma jiddefinixxux jew jipproteġu b'mod strett lil dan it-tip ta' art, u/jew mill-applikazzjoni inadegwata ta' liġijiet li jipprojbixxu l-bini illegali; iħeġġeġ lill-Istati Membri, għalhekk, biex jiżguraw li z-zoni kollha maħruqa tal-foresti jibqgħu foresti u jiġu koperti minn programmi ta' riafforestazzjoni;

18. Jitlob metodi aktar effiċjenti għall-għarfien bikri tan-nirien tal-foresti, u trasferiment aħjar bejn l-Istati Membri tal-għarfien dwar miżuri li jwaqqfu l-firxa tan-nirien, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni ttejjeb l-iskambju ta' esperjenzi bejn ir-reġjuni u l-Istati Membri;

19. Jirrikonoxxi s-solidarjetà murija mill-Unjoni Ewropea, tal-Istati Membri tagħha u ta' pajjiżi oħra bl-għajnuna li taw lir-reġjuni affettwati waqt emerġenzi ta' nirien tal-foresti permezz ta' inġenji tal-ajru, tagħmir għat-tifi tan-nar u kompetenza, kif ukoll l-għajnuna ta' min ifaħħarha mogħtija lill-awtoritajiet rilevanti u lill-iskwadri tas-salvataġġ; huwa tal-opinjoni li l-iskala u l-impatt ta' dawn il-fenomeni ta' sikwit imorru oltre l-livell u l-kapaċitajiet reġjonali u nazzjonali u jitlob li jkun hemm impenn Ewoprew effettiv bħala kwistjoni ta' urġenza;

20. Jilqa' b'sodisfazzjon il-kontribut tar-riżerva tattika Ewropea ta' avjazzjoni għat-tifi tan-nar (EUFFTR), li twaqqfet fis-sajf tal-2009 biex tassisti lill-Istati Membri li jiffaċċjaw nirien kbar; jinnota li dan il-proġett pilota twaqqaf bl-appoġġ tal-Parlament sabiex itejjeb il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-ġlieda kontra n-nirien tal-foresti, u jirriżulta li huwa eżempju eċċellenti ta' kapaċità mtejba f'livell Ewropew li tipprovdi għajnuna immedjata f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza; jisħaq, f'dan l-ambitu, fuq il-ħtieġa li jitkomplew l-iżvilupp u r-rinforz ta' dan il-proġett pilota, hekk kif nissoktaw b'ċirkostanzi ta' devastazzjoni kbira, peress li l-kapaċitajiet tal-Istati Membri mal-EUFFTR jidher li ma jkunux adegwati;

21. Jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni u l-Kunsill ma ppjanawx għal impenji finanzjarji għall-2010 sabiex tkompli l-Azzjoni Preparatorja għal kapaċita tal-UE ta' rispons rapidu li diġa kienet stabbilita fl-2008 u fl-2009;

22. Huwa tal-opinjoni li Regolament ġdid dwar il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea huwa essenzjali bħala mezz kif jiġu indirizzati l-problemi kkawżati mid-diżastri naturali b'mod aktar flessibbli u effettiv; jikkritika l-fatt li l-Kunsill imblokka l-progress, b'mod li dewwem illegalment din ir-reviżjoni, għad illi l-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu b'maġġoranza kbira mal-ewwel qari f'Mejju 2006;

23. Jenfasizza l-fatt li jekk tiġi rravvivata din l-inizjattiva, ikun hemm benefiċċji kbar għat-tħaddim konkret tal-Fond, jitwessa' l-ambitu tiegħu, tiġi abolita l-attivazzjoni eċċezzjonali tal-Fond għal diżastri reġjonali, jiġi permess li aktar reġjuni jirċievu l-assistenza bl-introduzzjoni ta' livell aktar baxx ta' dannu biex jiġi mmobilizzat u, importanti ferm, tiġi permessa reazzjoni aktar malajr għad-diżastri billi jitħaffu l-pagamenti;

24. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni u lill-Kunsill isibu bl-akbar responsabilità u mingħajr dewmien kompromess biex jiġi riattivat il-proċess tar-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Fond ta' Solidarjetà, bil-għan li jinħoloq strument aktar b'saħħtu u aktar rapidu, li jkun jista' jirrispondi għall-isfidi l-ġodda tal-globalizzazzjoni u l-bidla fil-klima; jistieden lill-Presidenza Żvediża fil-Kariga, kif ukoll lill-Ministri tal-UE għall-Finanzi, l-Ambjent, l-Agrikoltura u l-Iżvilupp Reġjonali, biex jieħdu azzjoni qawwija u mgħaġġla minnufih;

25. Jesprimi t-tħassib tiegħu għan-numru dejjem akbar ta' diżastri naturali li skont l-esperti, jistgħu jiġu attribwiti l-aktar għall-bidla fil-klima, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jagħmlu kull sforz biex jilħqu ftehima internazzjonali ambizzjuża, fil-Ħames Konferenza li jmiss tal-partiti, li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partiti għall-Protokoll ta' Kjoto li se ssir f' Kopenħagen, fid-Danimarka, mis-7 sat-18 ta' Diċembru 2009;

26. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejbu l-miżuri ta' prevenzjoni mfassla sabiex jittrattaw it-tipi kollha ta' diżastri naturali billi jkunu stabbiliti linji gwida strateġiċi konġunti sabiex tkun żgurata koordinazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri, kif ukoll operabilità u koordinazzjoni akbar bejn id-diversi strumenti Komunitarji (Fondi Strutturali, Fond ta' Solidarjetà, EAFRD, LIFE+ u l-mekkaniżmu tal-istrument tar-reazjzoni rapida u t-tħejjija għal emerġenzi kbar), filwaqt li ma tintesiex il-ħtieġa li jintużaw strumenti eżistenti oħrajn, bħall-Għajnuna mill-Istat għal skopijiet reġjonali u s-self tal-Bank ta' Investiment Ewropew, bil-għan li titranġa l-ħsara kkawżata mid-diżastri naturali; jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta dwar il-fondi Komunitarji mogħtija għall-protezzjoni min-nirien tal-foresti u dwar jekk intużawx b'mod xieraq;

27. Jitlob li jiddaħħlu mekkaniżmi ta' koordinazzjoni reġjonali fil-programmi ta' żvilupp rurali biex titjieb l-effiċjenza tal-miżuri ta' prevenzjoni;

28. Jenfasizza l-ħtieġa li titħaffef il-proċedura ta' aċċess għall-fondi tal-UE għall-irkupru tal-art agrikola wara għargħar u nirien, u l-ħtieġa li tkun disponibbli aktar għajnuna finanzjarja għall-iżvilupp ta' difiżi kontra n-nirien u l-għargħar; jenfasizza l-effetti fatali tan-nirien tal-foresti u tal-għargħar fuq il-bhejjem;

29. Iqis li hu essenzjali li jittieħed kont tal-problemi strutturali tal-ambjent rurali (deklin demografiku, abbandun tar-raba', deforestazzjoni, u l-frammentazzjoni eċċessiva tas-sjieda tal-imsaġar);

30. Huwa tal-opinjoni li r-rabtiet eżistenti bejn il-protezzjoni ċivili u l-politiki ambjentali għandhom jiġu rinforzati biex jieħdu vantaġġ sħiħ mill-miżuri preventivi inklużi fil-leġiżlazzjoni ambjentali u jiżguraw approċċ koordinat tal-UE għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tad-diżastri; jenfasizza b'danakollu li ma hemm l-ebda pjan li jinbidlu jew jiddgħajfu l-kompetenzi nazzjonali fil-protezzjoni ċivili u fil-prevenzjoni tad-diżastri bil-linji gwida tal-UE;

31. Jemmen li l-proċeduri għall-mobilizzazzjoni tal-fond ta' Solidarjetà jeħtieġ li jkun rivedut sabiex jitħaffu l-ħlasijiet tal-għajnuna; iqis, b'mod pertikulari, li għal dan il-għan, tista' tiġi żviluppata sistema ta' pagamenti minn qabel li tkun bbażata fuq estimi inizzjali tad-dannu dirett, fejn ħlasijiet ulterjuri jkunu jiddependu mill-kalkoli finali tad-dannu dirett kollu u mill-evidenza ta' miżuri ta' prevenzjoni li jkunu ttieħdu b'riżultat tad-diżastru;

32. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel progress fit-tfassil ta' kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni dwar il-miżuri ta' prevenzjoni miftiehma mill-Istati Membri biex jitnaqqsu r-riskji u l-konsegwenzi tad-diżastri naturali, l-aktar fiz-zoni ta' riskju għoli, billi jagħmlu lill-pubbliku konxju mill-ħtieġa tal-kura tal-ambjent u tal-konservazzjoni tar-riżorsi naturali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri, fosthom dawk biex titqajjem kuxjenza pubblika, b'appoġġ għall-użu iżjed sostenibbli tal-ilma, tal-ħamrija u tar-riżorsi bijoloġiċi, kif ukoll ta' ġestjoni aħjar tal-iskart, billi n-nuqqas ta' din tal-aħħar sikwit ikun il-kawża tan-nirien;

33. Jenfasizza li apparti r-riperkussjonijiet ambjentali u ekonomiċi ħorox tagħha, il-frekwenza attwali tan-nirien fin-Nofsinhar tal-Ewropa – kważi 95 % tal-erja kollha maħruqa fl-UE tinsab fir-reġjun tal-Mediterran – jitqies li hi marbuta b'mod dirett mal-impatt tal-bidla fil-klima, f'dawk l-inħawi, li sejra għall-agħar (erożjoni u telf ta' ħamrija, deżertifikazzjoni u żieda fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, fosthom is-$CO_2$);

34. Għalhekk jitlib li jkun hemm strateġija integrata tal-UE fil-preservazzjoni tal-ekosistemi forestali tal-Ewropa t'Isfel li jiggarantixxu finanzjament biżżejjed għall-miżuri ta' prevenzjoni, miżuri biex jitreġġa lura d-dannu ekonomiku u ambjentali estensi flimkien mar-restawr sħiħ tal-ekosistema, kif ukoll l-allokazzjonijiet għall-adattament u l-mitigazzjoni tal-ekosistemi forestali tal-Ewropa t'Isfel għall-Bidla fil-Klima;

35. Jenfasizza li għandu jitqies għalkollox l-esponiment estrem tal-ekosistema tal-foresti tar-reġjuni tal-Mediterran għall-bidla fil-klima; jistieden lill-Kummissjoni biex, fost il-miżuri agroambjentali stipulati fil-politika agrikola komuni, iddaħħal interventi speċifiċi mfassla biex jipprevjenu u jevitaw il-firxa tan-nirien tal-foresti, kif ukoll biex tiġi kkunsidrata bir-reqqa l-introduzzjoni tal-politika komuni dwar il-foresti sabiex tittratta b'mod aktar effettiv il-kwistjonijiet tal-bidla fil-klima u d-diżastri naturali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, fil-proposta tagħha għal pjan ta' azzjoni tal-UE għall-adattament għall-bidla fil-klima, tagħti prijorità lill-ġlieda kontra n-nixfiet u n-nirien tal-foresti fin-Nofsinhar tal-Ewropa kif ukoll lill-prevenzjoni tagħhom;

36. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet tal-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali milquta min-nirien u mill-għargħar.

**Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2009**

## SWIFT

P7_TA(2009)0016

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-ftehima internazzjonali prevista biex id-Dipartiment tat-Teżor tal-Istati Uniti jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu data minn messaġġi ta' pagamenti finanzjarji għall-fini tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-finanzjament tat-terroriżmu**

(2010/C 224 E/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 6(2) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 286 tat-Trattat li jistabbilixxi l-KE,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 95 u 300 tat-Trattat li jistabbilixxi l-KE,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari l-Artikoli 5, 6, 7 u 8 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikulari l-Artikoli 7, 8, 47, 48 u 49 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru 108 għall-Protezzjoni tal-Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku tad-Data Personali,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-ħarsien tal-individwi rigward l-ipproċessar ta' data personali u l-moviment ħieles ta' data ta' dan it-tip ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji u dwar il-moviment ħieles ta' tali data ([2]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop ta' ħasil ta' flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu ([3]) u r-Regolament (KE) Nru 1781/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar informazzjoni dwar min qed iħallas li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi ([4]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim tal-25 ta' Ġunju 2003 dwar l-għajnuna legali reċiproka bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu dwar l-identifikazzjoni tal-informazzjoni bankarja ([5]),

— wara li kkunsidra l-Programm ta' Traċċar ta' Finanzi tat-Terroristi (TFTP) tal-Istati Uniti bbażat fuq l-Ordni Presidenzjali Eżekuttiva Nru 13224 ([6]) tal-Istati Uniti, li fil-każ ta' emerġenza nazzjonali tawtorizza partikolarment lid-Dipartiment tat-Teżor Amerikan biex jikseb permezz ta' "ċitazzjonijiet amministrattivi", settijiet ta' data ta' messaġġi finanzjarji li jgħaddu fuq netwerks ta' komunikazzjoni finanzjarja bħal dawk ġestiti mis-Soċjetà għat-Telekomunikazzjoni Finanzjarja Interbankarja Dinjija (SWIFT),

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
([2]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
([3]) ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15.
([4]) ĠU L 345, 8.12.2006, p. 1.
([5]) ĠU L 181, 19.7.2003, p. 34.
([6]) L-Ordni Eżekuttiva Nru 13224 inħarġet mill-President Bush fit-23 ta' Settembru, 2001, skond l-International Emergency Economic Powers Act (IEEPA), 50 U.S.C., taqsimiet1701-1706. Il-President iddelega l-awtorità tiegħu skont l-Ordni Eżekuttiva lis-Segretarju tat-Teżor. It-Teżor ħareġ iċ-ċitazzjonijiet lil SWIFT skont l-Ordni Eżekuttiv 13224 u r-regolamenti implimentattivi tagħha.

**Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2009**

— wara li kkunsidra l-kundizzjonijiet stabbiliti mid-dipartiment tat-Teżor tal-Istati Uniti dwar l-aċċess għad-data tas-SWIFT (kif definit mir-rappreżentanzi tal-Istati Uniti ([1])) u wara li kkunsidra l-informazzjoni miksuba mill-Kummissjoni permezz tal-"persuna eminenti" dwar il-konformità mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti mar-rappreżentanzi msemmija hawn fuq,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu fejn stieden lis-SWIFT biex tikkonforma strettament mal-qafas legali tal-UE b'mod partikolari meta t-tranżazzjonijiet finanzjarji Ewropej isiru fit-territorju tal-UE ([2]),

— wara li kkunsidra d-direttivi tan-negozjati għall-Presidenza tal-Kunsill u l-ftehima internazzjonali prevista bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti dwar it-trasferiment tad-data tal-programm SWIFT, li ġie kklassifikat bħala "Ristretti għall-UE",

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data tat-3 ta' Lulju 2009 li ġiet ikklassifikata bħala "Ristretta għall-UE",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura,

A. billi f'Ottubru tal-2007, SWIFT ħabbret struttura ġdida ta' messaġġi li għandha tkun operattiva sa tmiem l-2009,

B. billi din il-bidla fl-istruttura ta' messaġġi se jkollha l-konsegwenza li l-maġġoranza tad-data finanzjarja li SWIFT kienet awtorizzata titrasferixxi għall-programm TFTP tad-Dipartiment tat-Teżor American, mhux se tibqa' disponibbli għat-TFTP,

C. billi fis-27 ta' Lulju 2009 il-Kunsill adotta b'mod unanimu u bl-għajnuna tal-Kummissjoni d-direttivi tan-negozjati għall-Presidenza, biex jinnegozja ftehima internazzjonali mal-Istati Uniti fuq il-bażi tal-Artikoli 24 u 38 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea ħalli jkompli jittrasferixxi d-data tal-programm SWIFT għall-programm TFTP tal-Istati Uniti,

D. billi d-direttivi tan-negozjati flimkien mal-opinjoni legali dwar l-għażla tal-bażi legali mis-Servizzi Legali tal-Kunsill għadhom ma sarux pubbliċi, minħabba li huma kklassifikati bħala "Ristretti għall-UE",

E. billi l-ftehima internazzjonali għandha tipprovdi applikazzjoni proviżjorja u immedjata mill-waqt tal-iffirmar sad-dħul fis-seħħ tal-ftehima,

F. billi l-UE nnifisha m'għandhiex TFTP fis-seħħ,

G. billi l-aċċess għal data amministrata mis-SWIFT jagħmilha potenzjalment possibli li jistabu mhux biss trasferimenti marbuta ma' attivitajiet illegali, iżda wkoll informazzjoni dwar l-attivitajiet ekonomiċi tal-individwi u l-pajjiżi kkonċernati, u jista' għalhekk jintuża ħażin għall-forom ta' spjunaġġ ekonomiku u industrijali fuq skala kbira,

H. billi SWIFT ikkonkludiet memorandum ta' ftehim mad-Dipartiment tat-Teżor Amerikan, sabiex iddejjaq aktar l-ambitu tad-data trasferita u l-ambitu ta' tfittxijiet għal data speċifika għall-każijiet kontra t-terroriżmu, u għamlitha soġġetta għal sorveljanza u verifika indipendenti, inkluż il-monitoraġġ f'ħin reali,

I. billi kwalunkwe ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti għandu jkun bil-kundizzjoni li tinżamm il-protezzjoni li teżisti fil-memorandum ta' ftehim u r-rappreżentanzi tat-Teżor tal-Istati Uniti, bħal dawk li japplikaw fil-każ ta' data mħarrka tat-Teżor tal-Istati Uniti miċ-ċentru operattiv ta' SWIFT,

([1]) L-ipproċessar mid-Dipartiment tat-Teżor American ta' Data Personali li toriġina mill-UE għall-finijiet Kontra t-Terroriżmu - SWIFT, (ĠU C 166, 20.7.2007, p. 18).
([2]) Riżoluzzjoni tal-14 ta' Frar 2007 dwar SWIFT, il-Ftehima PNR u d-djalogu transatlantiku dwar dawn il-kwistjonijiet (ĠU C 287 E, 29.11.2007, p.349); riżoluzzjoni tas-6 ta' Lulju 2006 dwar l-interċezzjoni tat-trasferiment ta' data bankarja mis-sistema SWIFT mis-servizzi sigrieti tal-Istati Uniti (ĠU C 303 E, 13.12.2006, p.843).

**Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2009**

1. Ifakkar fid-determinazzjoni tiegħu li jiġġieled lit-terroriżmu u fit-twemmin sod tiegħu fil-ħtieġa li jinstab il-bilanċ ġust bejn miżuri tas-sigurtà u l-ħarsien tal-libertajiet ċivili u d-drittijiet fundamentali, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett akbar għall-privatezza u protezzjoni tad-data; itenni li n-neċessità u l-proporzjonalità huma prinċipji ewlenin li mingħajrhom il-ġlieda kontra t-terroriżmu ma tistax tkun effettiva;

2. Jenfasizza li l-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq l-istat tad-dritt u li kull trasferiment ta' data personali Ewropea lejn pajjiżi terzi li jsir għal finijiet ta' sigurtà għandu jirrispetta garanziji proċedurali u d-drittijiet tad-difiża u jikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-protezzjoni tad-data fil-livell nazzjonali u Ewropew ([1]);

3. Ifakkar lill-Kunsill u lill-Kummissjoni li fil-qafas tranżatlantiku tal-ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar assistenza legali, li se jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010, l-Artikolu 4 jipprovdi għal aċċess fuq talba għal data finanzjarja mmirata, bl-awtorizzazzjoni ta' awtoritajiet statali u nazzjonali u jista' jikkostitwixxi bażi legali aktar soda għat-trasferiment ta' data ta' SWIFT mill-ftehima interim proposta u jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jispjegaw il-ħtieġa għal ftehima interim;

4. Jilqa' d-deċiżjoni ta' SWIFT ta' Ġunju 2007 sabiex issir rilokazzjoni tad-data kollha ta' trasferimenti finanzjarji intra-UE għal żewġ ċentri operattivi Ewropej; jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-fatt li din id-deċiżjoni ttieħdet bil-qbil tal-Awtorità Belġjana għall-Protezzjoni tad-Data, u mat-talba fl-Artikolu 29 tal-Grupp ta' Ħidma tal-UE u b'konformità mal-opinjoni espressa mill-Parlament Ewropew;

5. Jinnota li l-Kunsill adotta d-direttivi tan-negozjati biss kważi sentejn wara li SWIFT ħabbret il-bidla fl-istruttura tal-messaġġi;

6. Jinsab imħasseb li fir-rigward tal-bażi legali magħżula għal dan il-ftehim maħsub, is-servizzi legali tal-istituzzjonijiet esprimew opinjonijiet diverġenti, u jinnota li s-Servizz Legali tal-Kunsill huwa tal-fehma li hija kompetenza tal-Komunità;

7. Jemmen, sakemm ftehim internazzjonali huwa meħtieġ b'mod assolut, li għandu bħala minimu jiżgura:

(a) li d-data tkun ittrasferita u pproċessata biss bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu, kif iddefinit fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2002/475/JHA, tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu ([2]) u li jkollha x'taqsam ma' terroristi jew ma' organizzazzjonijiet tat-terroristi li jkunu rrikonoxxuti bħala tali mill-UE;

(b) li l-ipproċessar ta' data ta' dan it-tip fir-rigward tat-trasferiment tagħha (permezz tas-sistema “push” biss), tal-ħżin u tal-użu m'hux spoporzjonati apparagun mal-objettiv tat-trasferiment u mal-ipproċessar sussegwenti ta' din id-data;

(c) li t-talba ta' trasferiment hija bbażata fuq każi speċifiċi u mmirati, limitata fiż-żmien u soġġetta għall-awtorizzazzjoni ġudizzjarja, u li kwalunkwe pproċessar sussegwenti huwa limitat għal data li tikxef xi konnessjoni ma' persuni jew organizzazzjonijiet li jkunu qegħdin jiġu mistħarrġa mill-Istati Uniti. Id-data li ma tikxef l-ebda konnessjoni bħal din hija mħassra;

(d) li ċ-ċittadini u l-intrapriżi tal-UE jingħataw l-istess livell ta' drittijiet ta' difiża u garanziji proċedurali u l-istess dritt tal-aċċess għall-ġustizzja li hemm fl-UE u li l-legalità u l-proporzjonalità tat-talbiet ta' trasferiment għandhom huma miftuħa għal evalwazzjoni amministrattiva fl-Istati Uniti;

(e) li d-data trasferita hija soġġetta għall-istess riżarċiment ġudizzjarju li jkun japplika għad-data li tinżamm fl-UE, inkluż il-kumpens f'każ ta' pproċessar illegali ta' data personali;

([1]) Notament il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari l-Artikoli 5,6, 7 u 8 tagħha, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, b'mod partikolari l-Artikoli 7,8, 47 u 49 tagħha, il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru 108 dwar il-Protezzjoni tal-Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku tad-Data Personali, id-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001.

([2]) ĠU L 164, 22.6.2002, p.3.

(f) li l-ftehima tipprojbixxi l-użu tad-data tal-programm SWIFT mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti għal finijiet oħra li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-finanzjament tat-terroriżmu; hu pprojbit ukoll it-trasferiment ta' data bħal din lil partijiet terzi li ma jkunux awtoritajiet pubbliċi responsabbli mill-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu;

(g) li għandu jkun hemm konformità ma' mekkaniżmu ta' reċiproċità li jobbliga lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Uniti li jittrasferixxu data ta' messaġġi finanzjarji lill-awtoritajiet kompetenti tal-UE, jekk issir talba;

(h) li l-ftehima għandha tkun imwaqqfa b'mod ċar għal perjodu intermedjarju permezz ta' klawsola ta' estinzjoni (sunset clause) li m'għandux jaqbeż it-12-il xahar, u bla ebda preġudizzju għall-proċedura li għandha tiġi segwita skont it-Trattat ta' Liżbona għall-konklużjoni possibli tal-ftehima ġdida f'dan il-qasam;

(i) li l-ftehima interim tipprovdi li b' mod ċar l-awtoritajiet tal-Istati Uniti jkunu mgħarrfa minnufih wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona u li l-ftehima l-ġdida tkun innegozjata skont il-qafas legali l-ġdid tal-UE li jinvolvi bis-sħiħ il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali;

8. Jitlob li l-Kunsill u l-Kummissjoni jikkjarifikaw l-irwol preċiż tal-"awtorità pubblika" li se tingħata r-responsabbiltà li tirċievi talbiet mid-Dipartimant tat-Teżor tal-Istati Uniti, filwaqt li jqisu b'mod partikolari n-natura tas-setgħat mogħtija lil "awtorità" ta' dan it-tip u l-mod kif dawn is-setgħat jistgħu jkunu infurzati;

9. Jitlob li l-Kunsill u l-Kummissjoni jikkonfermaw li l-lottijiet u l-fajls kbar bħal transazzjonijiet marbuta maż-Żona Waħdanija ta' Pagament Ewropea (SEPA) huma barra mill-ambitu tad-data li tkun mitluba mid-Dipartiment tat-Teżor tal-Istati Uniti jew trasferita lejh;

10. Jenfasizza li SWIFT hija infrastruttura ewlenija għas-saħħa tas-sistemi ta' pagament u s-swieq tat-titoli tal-Ewropa u m'għandhiex tiġi żvantaġġata b'mod inġust fir-rigward tal-fornituri li jikkompetu fil-qasam tal-messaġġ finanzjarji;

11. Jenfasizza l-importanza taċ-ċertezza u tal-immunità legali għaċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet privati li jkunu soġġetti għal trasferimenti ta' data skont arranġamenti bħal dawn proposti mill-ftehima ta' bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti;

12. Jinnota li jista' jkun utli għall-Kummissjoni li tevalwa l-ħtieġa li jitwaqqaf TFTP Ewropew;

13. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Presidenza biex jiżguraw li l-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali kollha jingħataw aċċess sħiħ għad-dokumenti tan-negozjati u d-direttivi;

14. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati membri u tal-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni, u lill-Gvern tal-Istati Uniti u liż-żewġ Kmamar tal-Kungress.

**Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2009**

# KE-Taġikistan: Ftehima ta' Sħubija u Koperazzjoni

P7_TA(2009)0017

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehima ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra**

(2010/C 224 E/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Asja Ċentrali, b'mod partikolari dawk tat-23 ta' Ottubru 2003 dwar it-Turkmenistan, li tinkludi l-Asja Ċentrali ([1]), tal-20 ta' Frar 2008 dwar Strateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali ([2]), u tal-14 ta' Frar 2006 dwar il-klawsola tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-ftehimiet tal-Unjoni Ewropea ([3]),

— wara li kkunsidra l-posizzjoni tiegħu tat-2 ta' Settembru 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Partenarjat u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea ([4]),

— wara li kkunsidra l-Ftehimiet ta' Sħubija u Koperazzjoni (PCAs) konklużi bejn l-UE u l-Uzbekistan, il-Kirgiżtan u l-Każakistan, li kollha ilhom fis-seħħ mill-1999,

— wara li kkunsidra l-klawsoli dwar id-drittijiet tal-bniedem f'dawk il-ftehimiet,

— wara li kkunsidra l-qafas attwali tar-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Taġikistan, il-Ftehima ta' Kummerċ u Koperazzjoni bejn l-UE u l-ex-Unjoni Sovjetika, li postha se jittieħed minn PCA meta din tkun ratifikata mill-Istati Membri kollha tal-UE u mit-Taġikistan u ladarba l-Parlament jkun ta l-kunsens tiegħu,

— wara li kkunsidra r-ratifika tal-PCA mat-Taġikistan mis-27 Stat Membru kollha tal-UE u mit-Taġikistan,

— wara li kkunsidra l-Ftehima Temporanja dwar il-kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan, fuq in-naħa l-oħra, iffirmata fil-11 ta' Ottubru 2004 u li daħlet fis-seħħ f'Mejju 2005 ([5]),

— wara li kkunsidra l-adozzjoni, mill-Kunsill Ewropew tal-21 u t-22 ta' Ġunju 2007, ta' Strateġija tal-UE għal Sħubija ġdida mal-Asja Ċentrali,

— wara li kkunsidra r-Rapport Konġunt dwar il-Progress ta' Ġunju 2008 mill-Kunsill u l-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali u l-evalwazzjoni tiegħu li l-implimentazzjoni tal-istrateġija tinsab fi stadju avanzat,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill Ewropew (2007-2013) għal Politika għall-Enerġija għall-Ewropa, adottat mill-Kunsill Ewropew fit-8 u d-9 ta' Marzu 2007,

([1]) ĠU C 82 E, 1.4.2004, p. 639.
([2]) ĠU C 184E, 6.8.2009, p. 49.
([3]) ĠU C 290 E, 29.11.2006, p. 107.
([4]) Testi adottati, P6_TA(2008)0375.
([5]) ĠU L 340, 16.11.2004, p. 2.

**Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2009**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Settembru 2007 bl-isem "Lejn politika barranija Ewropea komuni għall-enerġija" ([1]),

— wara li kkunsidra l-ewwel laqgħa tad-Djalogu uffiċjali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u t-Taġikistan li saret f'Ottubru 2008 u l-lista ta' rakkomandazzjonijiet li ħarġu mil-laqgħa li huma mistennija li jitqiesu kif mistħoqq f'riformi legali li qed isiru,

— wara li kkunsidra l-ewwel seminar tas-soċjetà ċivili UE-Taġikistan li sar f'Dushanbe fl-10 u l-11 ta' Lulju 2009, u d-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem li sar f'Dushanbe fit-23 ta' Settembru 2009,

— wara li kkunsidra l-konferenza internazzjonali dwar id-drogi, sponsorizzata mill-UE, li saret f'Dushanbe f'Ottubru 2008,

— wara li kkunsidra l-iskambju ta' opinjonijiet bejn il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-President Emomali Rahmom tat-Taġikistan fl-10 ta' Frar 2009,

— wara li kkunsidra r-Raba' Laqgħa Interparlamentari tal-Parlament Ewropew u l-Majlisi tat-Taġikistan, li saret f'Dushanbe bejn is-6 u t-8 ta' April 2009,

— wara li kkunsidra l-posizzjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 2009 ([2]) dwar il-konklużjoni ta' PCA mat-Taġikistan,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali, fosthom it-Taġikistan, jinsabu f'intersezzjoni importanti bejn l-Ewropa u l-Asja u billi, storikament u tradizzjonalment, irrappreżentaw punt importanti ta' tqarrib u ta' tranżitu bejn iż-żewġ kontinenti,

B. billi l-UE għandha interess mill-qrib dwar is-sigurtà u l-istabilità, l-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet demokratiċi u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt fir-reġjun, partikolarment minħabba li l-iżviluppi strateġiċi, politiċi u ekonomiċi u l-isfidi transreġjonali li qed jikbru fl-Asja Ċentrali għandhom ukoll impatt dirett u indirett fuq l-interessi tal-UE nnifisha,

C. billi l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Asja Ċentrali għandha l-għan li ttejjeb id-djalogu politiku u li ssaħħaħ ir-rabtiet bejn l-Ewropa u s-sħab tal-Asja Ċentrali, f'konformità mal-valuri li fuqhom hija mwaqqfa l-UE,

D. billi t-Taġikistan, bi fruntiera komuni mal-Afganistan b'tul ta' aktar minn 1 300 km, hu parteċipant ewlieni f'livell reġjonali u involut b'mod dirett tul il-fruntiera mal-Afganistan fi sforzi tal-UE - u sforzi internazzjoni oħra - fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga, l-estremiżmu u t-theddid għas-sigurtà reġjonali,

E. billi l-għanijiet ta' politika tal-UE vis-à-vis t-Taġikistan huma mmirati primarjament lejn appoġġ għat-tnaqqis tal-faqar, għat-tmexxija tajba u r-riformi, u fuq livell reġjonali, għal ġlieda aktar effettiva kontra t-traffikar tad-drogi u l-kriminalità organizzata, u billi l-UE tipprovdi għajnuna għal dan, partikolarment permezz ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-fruntiera permezz tal-programmi tagħha ta' Ġestjoni tal-Fruntieri u ta' Azzjoni kontra d-Droga fl-Asja Ċentrali (BOMCA/CADAP),

F. billi l-Ftehima ta' Shubija u Koperazzjoni mat-Taġikistan tipprovdi għal impenji u koperazzjoni dwar l-ammissjoni mill-ġid u dwar il-kontroll tal-immigrazzjoni illegali; billi għandha tiġi konkluża ftehima separata li tfassal id-dettalji ta' din il-koperazzjoni,

([1]) ĠU C 219 E, 28.8.2008, p. 206.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2009)0018.

G. billi l-gwerra ċivili li spiċċat fl-1997 qerdet l-infrastruttura u l-istituzzjonijiet u ħarbtet l-ekonomija tat-Taġikistan, filwaqt li ħallietu l-ifqar fost ir-repubbliki ex-Sovjetiċi; billi, għalkemm it-Taġikistan kellu perjodu li fih irkupra sew fis-snin reċenti, madwar 60 % tal-popolazzjoni għadha tgħix f'faqar kbir, filwaqt li l-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni fl-ifqar zoni għadhom inaċċessibbli; billi t-Taġikin iserrħu ħafna fuq flus li jieħdu minn ħaddiema migranti, imma billi dan id-dħul hu mhedded serjament mill-kriżi ekonomika fir-reġjun, u għalhekk hu ta' l-ikbar importanza li t-Taġikistan jiġi megħjun biex jiżviluppa sistema ekonomika domestika li tkun sostenibbli u solida,

H. billi t-Taġikistan għandu l-għola rata ta' twelid fl-Asja Ċentrali, bi kwazi 40 % tal-popolazzjoni tiegħu ta' 7,3 miljun magħmula minn persuni taħt l-età ta' 15-il sena; billi l-iżvilupp ta' sistema edukattiva tajba huwa kruċjali għall-ġejjieni tal-pajjiż,

I. billi l-muturi ewlenin tal-ekonomija huma l-qoton u l-produzzjoni tal-aluminju, imma billi l-prezzijiet għal dawk il-prodotti qed jonqsu fis-suq dinji; billi t-Taġikistan m'għandux żejt u għandu ftit gass u, minkejja r-riżervi idroelettriċi sostanzjali tiegħu, ġarrab nuqqasijiet serji ta' enerġija,

J. billi l-ambjent istituzzjonali, legali u finanzjarju ma jiffavorixxix l-iżvilupp tan-negożji Taġikin u jeħtieġ inkoraġġiment sinifikanti,

K. billi t-Taġikistan hu dipendenti fuq għajnuna barranija u assistenza umanitarja, u billi kważi nofs il-ħaddiema jaħdmu barra l-pajjiż, l-aktar fir-Russja, u jappoġġjaw lill-familji tagħhom billi jibagħtulhom il-flus,

L. billi x-xoljiment tal-Unjoni Sovjetika ġab tfixkil tar-relazzjonijiet ekonomiċi tradizzjonali u tas-swieq reġjonali li qed ikompli jżid mal-kriżi ekonomika preżenti; billi l-UE għandha tagħmel kull sforz sabiex terġa tibni l-fiduċja bejn il-pajjiżi tar-reġjun u, b'hekk, tiffaċilita t-tkomplija mill-ġdid tal-koperazzjoni reġjonali,

M. billi, minbarra l-assistenza li jirċievi permezz tal-Istrument ta' Koperazzjoni għall-Iżvilupp, it-Taġikistan jipparteċipa wkoll f'diversi programmi reġjonali li għaddejjin,

N. billi, filwaqt li apparentement għandu l-appoġġ popolari, il-President Rahmon sistematikament rażżan l-oppożizzjoni kollha u effettivament neħħa l-kondiviżjoni tal-poter li kellha tkun garantita permezz tal-ftehima ta' paċi tal-1997,

O. billi r-rapport finali tal-osservazzjoni tal-elezzjoni tal-OSCE/ODIHR (l-Uffiċċju għal Istituzzjonijiet Demokratiċi u Drittijiet tal-Bniedem tal-OSCE) innota nuqqas ta' għażla ġenwina u ta' pluraliżmu serju fl-elezzjoni presidenzjali tal-2006,

P. billi hu magħruf sew li l-korruzzjoni hi endemika u mxerrda fil-livelli kollha, u billi ħafna mill-fondi ta' donazzjoni internazzjonali li jaslu ma jiġux diretti lejn l-iskop proprju tagħhom,

Q. billi s-soċjetà ċivili għadha qed tikber, l-iżvilupp ġenwin tagħha spiss kien imxekkel mill-gvern u għad fadlilha triq twila qabel ma jista' jkollha l-potenzjal biex tħeġġeġ l-iżvilupp tal-bniedem fil-pajjiż; billi xi attivitajiet minn gruppi reliġjużi kienu limitati mir-rekwiżit għal reġistrazzjoni mal-Kumitat tal-Istat għall-Affarijiet Reliġjużi u minn miżuri oħra ristrettivi skont liġi adottata dan l-aħħar dwar il-libertà tal-kuxjenza u tal-assoċjazzjoni reliġjuża,

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li t-Taġikistan għamilha ċara li jrid jimpenja ruħu biex jikkopera mal-UE, li jixtieq itejjeb il-livelli tiegħu ta' kummerċ mal-UE u li jippromovi r-rabtiet edukattivi, u li se jimplimenta miżuri speċifiċi f'oqsma ewlenin, bħall-benessri soċjali, is-saħħa, l-edukazzjoni, il-glieda kontra l-korruzzjoni u t-tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem, sabiex juri li jieħu dawk l-impenji b'mod serju;

2. Hu konxju mis-sens ta' diżappunt qawwi min-naħa tal-Gvern Taġik li l-PCA ma kenitx konkluża, partikolarment minħabba l-pożizzjoni tal-UE li, għaliex il-kundizzjonijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali u kundizzjonijiet oħra huma differenti sew fost l-istati tal-Asja Ċentrali, hu assolutament essenzjali għall-UE li tiddifferenzja l-politika tagħha skont il-każ; konsegwentement, jesprimi l-ħsieb tiegħu li jagħti l-kunsens tiegħu, u jistenna bil-ħerqa li l-PCA tkun konkluża malajr kemm jista' jkun;

3. Iqis il-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-PCA bħala sinjal ta' rieda tajba sabiex ikun hemm djalogu mat-Taġikistan u bħala sinjal ta' inkorraġġiment lit-Taġikistan sabiex jieħu l-passi kollha meħtieġa favur ir-riformi li huma ferm meħtieġa; madankollu, jiġbed l-attenzjoni tat-Taġikistan, fuq kollox, dwar il-kundizzjoni impliċita fil-klawsola tad-drittijiet tal-bniedem/sospensjoni;

4. Hu tal-fehma li l-iżvilupp sħiħ tal-Ftehima ta' Sħubija u Koperazzjoni u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet bilaterali għandhom ikunu bbażati fuq evalwazzjoni eżatta u fil-ħin tal-progress li jkun sar fl-oqsma prinċipali u, f'dan ir-rigward, iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi sensiela ċara ta' punti ta' referenza u ta' kundizzjonijiet;

### *Is-sitwazzjoni ekonomika*

5. Jinnota d-diffikultajiet ekonomiċi kbar li għandu t-Taġikistan kif ukoll l-infrastruttura fraġli tat-trasport u l-enerġija, u jinsab serjament imħasseb li, minn Mejju 2009, minħabba l-impatt tal-kriżi ekonomika u n-nuqqasijiet fis-settur agrikolu, 1,5 miljun persuna kienu f'sitwazzjoni ta' insigurtà fl-ikel;

6. Iħeġġeġ lill-Gvern Taġik sabiex jindirizza l-għerq tal-problema min-naħa tal-forniment, u sabiex jirrevedi l-politika tiegħu ta' proġetti li huma ambizzjużi ż-żekked li iżda ma jikkontribwixxu xejn biex jindirizzaw il-ħtiġijiet fundamentali u immedjati tal-poplu; fl-istess ħin, jistiednu sabiex isaħħaħ is-swieq reġjonali u jtejjeb il-produzzjoni lokali, u sabiex jimplimenta b'mod urġenti programmi ta' appoġġ għall-ikel u għall-ħolqien tal-impjiegi;

7. Jistieden lill-Gvern Taġik sabiex jindirizza b'mod urġenti l-istat diżastruż tas-setturi tal-edukazzjoni u tas-saħħa, li qed jhedded li joħloq mewġa ta' problemi soċjali fil-ġenerazzjonijiet li ġejjin u li jagħmel ħsara lill-ġejjieni tal-pajjiż;

8. Jinnota wkoll li l-faqar għal perjodu ta' żmien twil jgħin biex iżid il-kummerċ tad-drogi, b'xi rapporti jissuġġerixxu li bejn 30-50 % tal-attività ekonomika tal-pajjiż għandha rabtiet mat-traffikar tan-narkotiċi;

9. Iħeġġeġ lit-Taġikistan biex jisfrutta l-potenzjal enormi tiegħu li jipproduċi enerġija idroelettrika b'mod razzjonali u demokratiku minħabba preokkupazzjonijiet f'pajjiżi downstream li tradizzjonalment jiddependu minn flussi ta' ilma staġonali sikuri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex tagħmel kull sforz sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' proġetti konġunti li jinvolvu lill-parteċipanti reġjonali kollha li huma potenzjalment affettwati u li jkunu konformi mal-istandards tal-UE;

10. Iħeġġeġ lit-Taġikistan biex idaħħal bidliet strutturali sabiex itejjeb l-ambjent ta' investiment għal impriżi barranin;

11. Iħeġġeġ lit-Taġikistan biex jimplimenta bis-sħiħ ir-riformi ekonomiċi meħtieġa, b'enfasi partikolari fuq il-bżonn li jiddaħħlu riformi għall-biedja sabiex ikun possibbli għall-bdiewa li jinħelsu mid-dejn u li mill-monokultura tal-qoton jgħaddu għal forom oħra ta' biedja;

### *Is-sitwazzjoni politika*

12. Jirrikonoxxi li t-Taġikistan hu pajjiż relattivament stabbli, mingħajr indikazzjoni ta' xi theddida esterna għalissa jew ta' xi rvell organizzat internament; jinnota, madankollu, indikazzjonijiet ta' xi diffikultajiet fir-reġim (per eżempju, fl-2008, każijiet ta' vjolenza u dimostrazzjonijiet fir-reġjun muntanjuż u awtonomu ta' Badakhshan, u operazzjoni reċenti ta' sigurtà fid-distrett tal-Lvant ta' Tavildara bejn il-forzi tal-gvern u gruppi armati tal-oppożizzjoni preċedenti u militanti barranin) li qajmu dubji dwar il-kontroll tal-President fuq is-setgħa; bl-istess mod, jiġbed l-attenzjoni għal biżgħat li l-faqar fuq perjodu ta' żmien twil, il-korruzzjoni rampanti u gvern li qed ikun dejjem iżjed awtoritarju jistgħu jżidu r-riskju ta' instabilità politika, ekonomika u soċjali fil-ġejjieni;

13. Ifakkar lit-Taġikistan fl-Għanijiet tal-Millenju għall-Iżvilupp u fl-appoġġ tal-UE għal sforzi serji biex jinkiseb progess f'dan il-qasam;

14. Jiġbed l-attenzjoni għall-istruttura parlamentari fit-Taġikistan, li hi dominata mill-grupp propresidenzjali tal-Partit Demokratiku tal-Poplu (PDP); jiddeplora l-fatt li l-partiti tal-oppożizzjoni twarrbu filwaqt li rivali potenzjali ntefgħu l-ħabs jew ġew eżiljati; fid-dawl tal-elezzjonijiet imwiegħda mill-President għall-2010, jistieden lill-Gvern tat-Taġikistan sabiex jonora l-impenji tiegħu fir-rigward tad-demokratizzazzjoni billi jippermetti li jkun hemm sistema politika ġenwina b'ħafna partiti u billi jirrevedi l-Liġi Elettorali (eż. l-osservaturi mhux partiġġjani, il-kanċellazzjoni tal-ħlas ta' reġistrazzjoni għall-kandidati, u iktar trasparenza fl-għadd, it-tabulazzjoni u l-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-votazzjoni);

15. Jikkritika r-restrizzjonijiet imposti fuq organizzazzjonijiet mhux governattivi u n-nuqqas ta' attività influwenti u viżibbli tas-soċjetà ċivili fit-Taġikistan, minħabba li dan in-nuqqas jista' jdgħajjef l-iżvilupp demokratiku ġejjieni, u jtenni l-ħtieġa ta' riforma sinifikanti kif ukoll ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fis-setturi kollha tas-soċjetà;

16. Jinnota li l-korruzzjoni hi magħrufa sew bħala problema kbira fit-Taġikistan, parzjalment minħabba li m'hemmx kultura legali u minħabba li l-pajjiż ma jistax iħallas b'mod xieraq lill-ħaddiema taċ-ċivil; jixtieq jara evidenza li l-Liġi dwar il-Korruzzjoni, l-Aġenzija kontra l-Korruzzjoni u l-istrateġija ambizzjuża kontra l-korruzzjoni għall-2008-2012, li issa daħlu fis-seħħ, mhumiex biss bżar fl-għajnejn;

17. Jistieden lit-Taġikistan sabiex iwaqqaf politika ta' trasparenza sħiħa fis-settur ekonomiku, inkluż fil-kontabilità pubblika fir-rigward tad-dħul kollu li ġej minn impriżi tal-Istat (kemm onshore kif ukoll offshore), bħall-Kumpanija tal-Aluminju tat-Taġikistan Talco u l-kumpanija ta' utilità tal-enerġija Barqi Tojik, kif ukoll trasparenza fl-iffinanzjar tas-settur tal-qoton;

### *Kwistjonijiet reġjonali*

18. Jenfasizza l-irwol ġeografiku tal-viċinanza tat-Taġikistan vis-à-vis l-Afganistan u l-kwistjonijiet relatati ta' drogi, terroriżmu u estremiżmu, u jinnota l-potenzjal għat-Taġikistan li joħloq stat modern u li jaħdem tajjeb li jkollu l-ħila li jservi ta' lqugħ kontra t-tixrid tal-estremiżmu mill-Afganistan u r-reġjun; jisħaq l-importanza li jkun hemm aktar negozjar mat-Taġikistan bil-għan li l-pajjiż jingħata l-għajnuna sabiex jiffunzjona bħala stat stabbli u funzjonabbli; jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li l-ġlieda kontra t-terroriżmu ma tistax tintuża bħala skuża għar-ripressjoni jew għall-intimidazzjoni ta' forzi tal-oppożizzjoni u għandha titwettaq b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet ċivili;

19. Jinnota li l-enerġija u l-ilma huma kwistjonijiet ewlenin għas-sigurtà tal-bniedem u għar-relazzjonijiet bejn l-istati fl-Asja Ċentrali; jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għat-tilwima dwar l-enerġija bejn it-Taġikistan u l-Uzbekistan (kif jidher, inter alia, mill-għeluq temporanju u mhux imħabbar tal-fruntiera mill-Uzbekistan, il-qtugħ tal-provvista tal-gass u l-irduppjar tal-prezzijiet) u għat-tilwim dwar l-ilma mal-Uzbekistan u l-Kirgiżtan; f'dan il-kuntest, jitlob sabiex isiru konsultazzjonijiet urġenti u mifruxa mar-reġjun kollu dwar l-użu razzjonali tar-riżorsi tal-enerġija;

### *Drittijiet tal-bniedem*

20. Jinsab serjament imħasseb minħabba l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fit-Taġikistan, li qed jitwettqu kważi mingħajr impunità u li qed jieħdu diversi forom, fosthom pressjoni fuq il-qrati u l-imħallfin kemm mill-Gvern u kemm minn organizzazzjonijiet kriminali, pressjoni fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni, abbuż mifrux tad-drittijiet tan-nisa, ix-xogħol mit-tfal u l-isfruttar ta' studenti, inklużi minorenni, għall-ġbir tal-qoton, ħaddiema li qed jgħixu f'dak li l-Freedom House ibbażata fl-Istati Uniti ddeskriviet bħala "skjavitù finanzjarja", kundizzjonijiet terribbli ta' detenzjoni, inklużi t-tortura u forom oħra ta' trattament ħażin, u t-traffikar ta' bnedmin;

21. Jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan ir-rigward, il-bidu ta' Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem uffiċjali u mmirat lejn ir-riżultati bejn l-UE u t-Taġikistan; iqis il-progress f'dan il-qasam bħala kruċjali għall-iżvilupp tar-relazzjonijiet bilaterali; jisħaq fuq l-importanza li l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li joperaw fit-Taġikistan jiddaħħlu formalment u sostantivament f'dan id-djalogu;

22. Jiddeplora l-liġi l-ġdida dwar l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, imfassla fuq liġi Russa, li kienet introduċiet reġistrazzjonijiet għolja u rekwiżiti ta' reġistrazzjoni mill-ġdid;

23. Jenfasizza li, minkejja li l-libertà tal-espressjoni u tal-istampa hija ggarantita mil-liġi tat-Taġikistan, l-awtoritajiet spiss jissottomettu lill-individwi li ma jaqblux mal-politika tal-gvern għal intimidazzjoni u jaqtgħulhom qalbhom milli jitkellmu b'mod ħieles u kritiku; jikkritika, barra minn hekk, il-fatt li l-mezzi indipendenti tax-xandir huma suġġetti għal tipi differenti ta' intimidazzjoni u kontroll li jisfurzawhom jipprattikaw l-awtoċensura;

24. Jinsab imħasseb ukoll li qed tonqos il-libertà reliġjuża u li l-liġi l-ġdida dwar ir-reliġjon, iffirmata mill-President fil-25 ta' Marzu 2009, tipprojbixxi bosta prattiki reliġjużi u tista' twassal sabiex ħafna komunitajiet reliġjużi jsiru illegali, billi jiġu sfurzati jipprattikaw bil-moħbi;

25. Jenfasizza li d-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra n-nisa għadhom problema mifruxa ħafna; jitlob lill-Kummissjoni biex twaqqaf programmi ad hoc sabiex ittejjeb l-opportunitajiet tan-nisa u tħeġġeġ lill-awtoritajiet Taġikin biex jagħmlu kull sforz biex itemmu l-abbużi kontra d-drittijiet tan-nisa u biex jiffaċilitaw l-aċċess tan-nisa għall-ġustizzja;

26. Jinnota bi tħassib li l-Liġi 2007 dwar l-Osservazzjoni tat-Tradizzjonijiet u r-Ritwali Nazzjonali timponi restrizzjonijiet dwar kif il-poplu tat-Taġikistan jilbes jew jiċċelebra l-ġrajjiet tradizzjonali;

27. Jiddeplora l-użu mifrux tat-tortura; jinnota li d-definizzjoni ta' tortura għadha mhix sħiħa fil-liġijiet tat-Taġikistan u jerġa' jitlob li jkunu adottati l-miżuri kollha meħtieġa biex tkun żgurata l-konformità mal-Konvenzjoni Internazzjonali kontra t-Tortura u Trattament jew Kastig Ieħor Krudili, Inuman jew Degradanti, b'mod partikulari billi jitressqu quddiem il-ġustizzja l-uffiċjali li huma responsabbli għal trattament degradanti jew għal trattament ħażin*, kif ukoll li jiġi rratifikat il-protokoll fakultattiv (OPCAT) li jipprevedi l-monitoraġġ ta' postijiet ta' detenzjoni;* jitlob, barra minn hekk, l-abolizzjoni totali tal-piena tal-mewt;

28. Jinnota li l-kumitat parlamentari Taġik responsabbli għall-kwistjonijiet legali u d-drittijiet tal-bniedem ġie fdat bil-kompitu li jeżamina l-leġiżlazzjoni dwar il-konformità mad-dispożizzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, iżda li dan ma tantx kien effettiv;

29. Jilqa' b'sodisfazzjon in-nomina riċenti tal-Ombudsman u jitlob lill-Gvern Taġik biex jiggarantixxi l-indipendenza sħiħa tiegħu;

***Il-komunità internazzjonali***

30. Iħeġġeġ lid-donaturi internazzjonali sabiex jieħdu l-passi kollha possibbli ħalli jinkoraġġixxu u jappoġġjaw it-twaqqif ta' soċjetà ċivili li tkun vijabbli u dinamika u sabiex jinkoraġġixxu lill-mezzi ta' komunikazzjoni indipendenti biex ikopru l-kwistjoni tal-korruzzjoni tal-istat kif ukoll il-fluss tal-fondi internazzjonali;

31. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura, b'koperazzjoni mal-Presidenza tal-Kunsill, li d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem ikunu kkunsidrati sew fil-livelli kollha tad-djalogu tagħha mat-Taġikistan u li l-UE toffri lit-Taġikistan l-għajnuna kollha meħtieġa f'dawk l-oqsma;

32. Jenfasizza l-ħtieġa li aktar fondi jgħaddu b'mod dirett għand l-awtoritajiet lokali u s-soċjetà ċivili, bil-kundizzjoni li jkunu trasparenti u verifikabbli;

33. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tirrapporta lura b'mod regolari lill-Parlament Ewropew dwar żviluppi fl-oqsma tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem, u li żżomm lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tiegħu infurmat sew bil-progress miksub fil-kuntest tad-djalogu politiku; jistieden lill-Kunsill biex jinvolvih fid-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem mat-Taġikistan;

34. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex malajr kemm jista' jkun tibda negozjati mal-Gvern Taġik dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet implimentattivi għall-Ftehima ta' Sħubija u Koperazzjoni, bħal dik li tikkonċerna l-ammissjoni mill-ġdid u l-kontroll tal-immigrazzjoni illegali;

**Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2009**

35. Iħeġġeġ lill-UE, fid-dawl tal-irwol tat-Taġikistan bħala pajjiż ta' tranżitu għad-drogi mill-Afganistan għar-Russja u l-Ewropa tal-Punent, sabiex issaħħaħ aktar l-appoġġ tagħha favur miżuri li jgħinu fil-ġlieda kontra dawn l-attivitajiet fit-Taġikistan, b'attenzjoni partikolari għall-iffinanzjar tal-Aġenzija għall-Kontroll tad-Droga tat-Taġikistan, mingħajr ma jiġi mdgħajjef il-kummerċ transkonfinali, li huwa essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku tar-reġjuni tal-fruntiera;

36. Jiġbed l-attenzjoni dwar l-eżistenza ta' bombi tat-tip cluster fit-Taġikistan, li għadhom ma splodewx, u jinsisti sabiex jiżdiedu l-finanzi biex dawn jitneħħew;

*

* *

37. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Gvern tar-Repubblika tat-Taġikistan.

## Is-Sitwazzjoni fil-Litwanja wara l-adozzjoni dwar il-ħarsien tal-minorenni

P7_TA(2009)0019

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-Liġi Litwana dwar il-Ħarsien tal-Minorenni kontra l-Effetti Negattivi tal-Informazzjoni Pubblika**

(2010/C 224 E/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-obbligi internazzjonali u dawk Ewropej marbuta mad-drittijiet tal-bniedem, inklużi dawk li jinsabu fil-konvenzjonijiet tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali tal-4 ta' Novembru 1950, u fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989,

— wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem, u, b'mod partikulari l-Artikolu 6 tat-Trattat UE, l-Artikolu 13 tat-Trattat KE u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 13(1) tat-Trattat KE, li tipprovdi li: "mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan it-Trattat u fil-limiti tas-setgħat mogħtija minnu lill-Komunità, il-Kunsill, li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew, jista' jieħu l-azzjoni xierqa biex jiġġieled id-diskriminazzjoni li tkun ibbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali",

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/43/KE ([1]) u d-Direttiva 2000/78/KE ([2]) tal-Kunsill li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni diretta jew indiretta bbażata fuq l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, kif ukoll il-proposta tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2008 għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426) wara li kkunsidra l-Artikolu 21(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li tipprojbixxi "kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

([1]) ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.
([2]) ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.

A. billi l-UE hija komunità ta' valuri bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, u billi direttivi, inklużi dawk rigward il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali, ġew approvati u pproposi sabiex jintlaħaq dan l-għan,

B. billi l-orjentazzjoni sesswali hija kwistjoni li taqa' fl-ambitu tad-dritt individwali għall-privatezza, garantit permezz tal-liġi internazzjonali, Ewropea u nazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u billi l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni għandhom ikunu promossi mill-awtoritajiet pubbliċi, filwaqt li għandha tiġi garantita l-libertà tal-espressjoni għall-midja, għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u għall-individwi,

C. billi fl-14 ta' Lulju 2009, il-Parlament Litwan approva emendi għal-Liġi dwar il-Ħarsien tal-Minorenni kontra l-Effetti Negattivi tal-Informazzjoni Pubblika, li se tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2010, skont liema se jkun ipprojbit li "tiġi mxerrda b'mod dirett lill-minorenni" nformazzjoni pubblika "li tippromwovi r-relazzjonijiet omosesswali, bisesswali jew poligami" minħabba li "għandha effett negattiv fuq l-iżvilupp tal-minorenni",

D. billi kif hija miktuba l-liġi, b' mod partikolari -Artikolu 4 tagħha, hija vaga u mhix ċara legalment u tista' twassal għal interpretazzjonijiet kontroversjali,

E. billi, wara li ġie annullat il-veto tal-President tar-Reppublika tal-Litwanja, il- liġi issa tinsab għal reviżjoni mill-awtoritajiet nazzjonali Litwani,

F. billi mhuwiex ċar liema tip ta' materjal jista' jaqa' fl-ambitu ta' din il-liġi u jekk il-ġurisdizzjoni tagħha testendix għall-kotba, l-arti, l-istampa, il-pubbliċità, il-mużika u r-rappreżentazzjonijiet pubbliċi bħat-teatru, l-esibizjonijiet jew id-demonstrazzjonijiet,

G. billi l-Presidenza Svediża tal-UE ddiskutiet il-liġi emendata mal-awtoritajiet Litwani, filwaqt li l-President tar-Reppublika tal-Litwanja iddikjarat li se tieħu passi biex jiġi żgurat li l-liġi tinbidel f'konformità mar-rekwiżiti tal-UE u mar-rekwiżiti internazzjonali,

1. Jitlob lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tagħti opinjoni dwar din il-liġi u l-emendi għaliha fil-kuntest tat-Trattati tal-UE u l-liġi tal-UE;

2. Itenni kemm hu importanti għall-UE li tiġġieled kontra kull forma ta' diskriminazzjoni, u b'mod partikulari d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjonijiet sesswali;

3. Jafferma mill-ġdid il-prinċipju stabbilit fil-preambolu tad-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1959 li "it-tfal, minħabba l-immaturità fiżika u mentali tagħhom, għandhom bżonn ta' salvagwardji u attenzjoni speċjali, inkluża l-protezzjoni legali xierqa.";

4. Jilqa' l-istqarrijiet li għamlet il-President il-ġdid tar-Repubblika tal-Litwanja u l-ħolqien ta' grupp ta' ħidma fil-Litwanja mqabbad biex jevalwa l-possibilità ta' bidliet għal-liġi, u jistieden lill-President tar-Reppublika tal-Litwanja u l-awtoritajiet Litwani biex jiżguraw li l-liġijiet nazzjonali tagħha huma kumpatibbli mad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kif imħaddna fil-liġi internazzjonali u Ewropea;

5. Jinnota li l-Liġi dwar il-Ħarsien tal-Minorenni kontra l-Effetti Negattivi tal-Informazzjoni Pubblika li ġiet approvata mill-Parlament Litwan fl-14 ta' Lulju 2009 għadha ma daħlitx fis-seħħ u hemm bżonn li tiġi riveduta qabel tidħol fis-seħħ;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-kumitat responsabbli sabiex isegwi l-kwistjoni lill-Kunsill;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-Gvernijiet u l-Parlamenti tal-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati, lill-President u l-Parlament tar-Repubblika tal-Litwanja, lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u lill-Kunsill tal-Ewropa.

**Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2009**

# Kriżi fis-settur tal-produzzjoni tal-lattiċini

P7_TA(2009)0020

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-kriżi fis-settur tal-produzzjoni tal-lattiċini**

(2010/C 224 E/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 33 tat-Trattat tal-KE,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta Ottubru 2007 dwar prezzijiet tal-għalf u tal-ikel li qed jogħlew ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2008 dwar il-Kontroll tas-Saħħa fuq il-Politika Agrikola Komuni ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Mejju 2008 dwar iż-żieda fil-prezz tal-ikel fl-UE u fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw ([3]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tiegħu tad-19 ta' Frar 2008 dwar l-investigazzjoni u r-rimedji għall-abbuż ta' poter mis-supermarkets il-kbar li joperaw fl-Unjoni Ewropea ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Marzu 2009 dwar il-prezzijiet tal-ikel fl-Ewropa ([5]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 dwar modifiki għall-Politika Agrikola Komuni billi jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 320/2006, (KE) Nru 1405/2006, (KE) Nru 1234/2007, (KE) Nru 3/2008, u (KE) Nru 479/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 1883/78, (KEE) Nru 1254/89, (KEE) Nru 2247/89, (KEE) Nru 2055/93, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 2596/97, (KE) Nru 1182/2005 u (KE) Nru 315/2007 ([6]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2009 dwar il-qagħda tas-suq tal- lattiċini fl-2009 (COM(2009)0385),

— wara li kkunsidra l-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (Ir-Regolament Waħdieni dwar "l-OKS") fir-rigward tal-perjodi tal-intervent tal-2009 u l-2010 għall-butir u l-ħalib xkumat (COM(2009)0354), u l-pożizzjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 2009 dwar din il-proposta ([7]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-aħħar tnax il-xahar kienu xhieda ta' deterjorament drammatiku fis-sitwazzjoni tas-suq tal- lattiċini bil-prezzijiet tal-ħalib li niżlu inqas minn EUR 0,21 għal kull litru, minkejja l-intervent u s-sussidji għall-esportazzjoni, u billi ħafna bdiewa issa qed ibigħu l- lattiċini bi prezz inferjuri għall-ispiża tal-produzzjoni tagħhom,

B. billi l-fattibilità ta' ħafna raħħal li jipproduċu l-ħalib fl-UE issa tinsab f'riskju, b'ħafna minnhom jibqgħu għaddejjin biss b'riħet it-tifdil personal tagħhom, li hi sitwazzjoni kjarament mhux sostenibbli, u b'hekk ir-raħħala qed isibu ruħhom kostretti jirrikorru għal dimostrazzjonijiet pubbliċi kbar fl-UE,

([1]) ĠU C 263 E, 16.10.2008, p. 621.
([2]) ĠU C 66 E, 20.3.2009, p. 9.
([3]) Testi adottati, P6_TA(2008)0229.
([4]) ĠU C 184 E, 6.8.2009, p. 23.
([5]) Testi adottati, P6_TA(2009)0191.
([6]) ĠU L 30, 31.1.2009, p. 1.
([7]) Testi adottati, P7_TA(2009)0014.

C. billi konsegwenza tal-kriżi ekonomika dinjija kienet tnaqqis konsiderevoli fit-talba għal-lattiċini eżattament fl-isess ħin li l-provvista żdiedet minħabba li pajjiżi terzi bħal New Zealand, l-Awstralja, l-Arġentina, il-Brażil u l-Isati Uniti produċew kwantitajiet ikbar,

D. billi fil-proċedura baġitarja tal-2009 tal-UE l-Parlament għamel bħala prijorità l-ħolqien ta’ fond speċjali tal-UE għal-lattiċini sabiex is-settur jiġi megħjun matul aġġustament mill-ġdid li jkunu diffiċli,

E. billi l-Parlament repetutament enfasizza d-differenza bejn il-prezzijiet li jħallsu l-konsumaturi għall-prodotti agrikoli fis-supermarkets u l-prezzijiet li jirċievu l-produtturi, u ħeġġeġ li jiġu investigati sew l-abbużi potenzjali fis-suq,

F. billi l-Kummissjoni kkalkulat li matul il-perjodu bejn Mejju 2006 u Mejju 2009 l-prezzijiet imħallsa mill-konsumaturi għal ħalib u ġobon żdiedu b’iktar minn 14 %, filwaqt li l-prezzijiet li rċevew il-produtturi f’xi Stati Membri naqsu b’40 % fuq 12-il xahar,

1. Iqis li, in vista tas-sitwazzjoni kritika kontinwa fis-suq tal-prodotti tal-ħalib, kemm miżuri iktar estensivi kif ukoll miżuri għaż-żmien qasir huma meħtieġa, u jinnota li l-miżuri li ħadet il-Kummissjoni s’issa mhumiex biżżejjed biex isolvu l-kriżi fis-settur;

2. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma rnexxielix tbassar il-gravità tal-kriżi kurrenti u ma pproponietx miżuri adegwati aktar malajr;

3. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi bħala kwestjoni ta’ urġenza liema miżuri għandhom imnejn iwasslu għall-istabilizzazzjoni tas-suq, u tidħol għal valutazzjoni fil-fond flimkien mal-istakeholders u l-Istati Membri dwar il-futur tas-settur tal-produzzjoni tal-ħalib bl-iskop li tiġi analizzata l-possibilità tat-twettiq ta’ mekkaniżmi ta’ ġestjoni li jevitaw il-volatilità tal-prezzijiet;

4. Jinnota li teżisti firxa ta’ fehmiet fost l-Istati Membri fir-rigward tal-possibilità li fl-2010 ma jiżdiedux il-kwoti tal-lattiċini; jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta analiżi dettaljata dwar il-fatturi kollha li jkollhom impatt fuq il-prezz li jiksbu l-produtturi ta’ lattiċini inkluża ż-żieda fil-kwota;

5. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tapplika l-miżuri meħtieġa ħalli għalf impurtat jikkonforma mal-standards li l-bdiewa tal-ħalib iridu jilħqu fl-UE, sabiex ikun evitat li l-importazzjoni ta’ dawn il-prodotti li ma jirrispettawx dawn l-istandards idgħajfu l-isforzi tal-UE u b’hekk titjieb il-produzzjoni sostenibbli tal-ħalib;

6. Jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-ħolqien ta’ Fond tal-UE għal-Lattiċini ta’ EUR 600 miljun biex jiġu megħjuna l-organizzazzjonijiet u l-kooperattivi tal-produtturi u biex jingħata appoġġ lill-investiment fil-biedja, l-immodernizzar, id-diversifikazzjoni, il-miżuri bbażati fuq iż-żona, attivitajiet tas-suq, il-produtturi tal-ħalib iż-żgħar u l-bdiewa żgħażagħ, u jfakkar li l-Parlament diġà għamel talba bħal din fil-proċedura baġitarja tal-2009;

7. Jitlob lill-Kummissjoni tipproponi miżuri li jgħinu lill-produtturi jżidu l-valur miżjud tal-prodotti tagħhom u jinkoraġġuhom jipproduċu lattiċini ta’ kwalità għolja (bħal ġobon), l-aktar f’dawk l-oqsma fejn hemm ftit alternattivi ta’ produzzjoni;

8. Jitlob lill-Kummissjoni biex iddaħħal miżuri immedjati biex tistimula t-talba għal-lattiċini, u jqis li estensjoni tal-kamp ta’ applikazzjoni, tal-firxa tal-prodott u tal-iffinanzjar tal-programm tal-ħalib tal-iskola hija eżempju tajjeb ta’ inizzjattiva fattibbli; jitlob li jkun hemm koordinazzjoni eqreb bejn id-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni f’dan ir-rigward;

9. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi r-relazzjonijiet kuntrattwali fil-katina tal-ikel u biex issaħħaħ l-organizzazzjonijiet tal-produtturi sabiex jinstab bilanċ bejn il-relazzjonijiet bejn l-atturi differenti fis-settur u l-prevenzjoni tar-riskji tas-suq, flimkien ma’ għodda oħra meħtieġa sabiex jirregolaw is-settur;

10. Jikkunsidra li hemm bżonn ta’ promozzjoni speċifika tal-produzzjoni mill-bdiewa tal-lattiċini li jaħdmu f'kundizzjonijiet bi żvantaġġi naturali u ġeografiċi permanenti, bħar-reġjuni tal-muntanji, jew bi strateġija organika ċara, minħabba l-valur miżjud u l-kwalità ambjentali u kulturali tagħhom li mhumiex orjentati lejn is-suq;

11. Jitlob lill-Kummissjoni tifformula proposti biex toħloq ekwilibriju bejn il-fornitura u d-domanda fis-suq tal-lattiċini tal-UE;

12. Jitlob lill-Kummissjoni biex teżamina l-possibilitajiet għal skema ta’ irtirat bikri għall-produtturi tal-lattiċini, pereżempju billi twaqqaf skema ta’ xiri lura tal-kwota bħall-iskema ta’ qlugħ ta’ dwieli (grubbing-up scheme) fl-OKS tal-inbid;

13. Jitlob, meta wieħed iżomm f'moħħu d-dimensjoni Ewropea tal-kriżi fis-settur tal-lattiċini, li l-Kummissjoni tilgħab l-irwol tagħha fit-tiftix għal soluzzjonijiet komuni, waqt li tevita l-inugwaljanzi bejn l-Istati Membri u d-distorsjonijiet tas-suq li jkunu kkawżati minn għajnuniet Statali;

14. Jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tikkunsidra miżuri, bħal self favorevoloi u skemi ta’ garanziji mutwi, li jikkontribwixxu biex tonqos l-instabilità tal-prezz fis-swieq tal-prodotti agrikoli;

15. Jappoġġja l-użu immedjat ta’ ħalib tat-trab bħala ikel għall-għoġġiela, bħala mezz biex tiżdied it-talba għal-lattiċini;

16. Ifakkar li t-tikkettar ċar tas-sostituti tal-lattiċini bħall-ġobon u prodotti oħra li mhumiex lattiċini hu ta’ importanza vitali, u għandu jinkludi speċifikazzjoni dwar il-materjal prima u l-pajjiż tal-oriġini; jinsisti li l-prodotti mmarkati bħala lattiċini għandhom ikunu lattiċini;

17. Sabiex il-bdiewa jiġu mgħejjuna biex jegħlbu l-kriżi attwali, b'mod partikolari fis-settur tal-lattiċini jistieden lill-Kummissjoni biex iżżid bla dewmien l-ammont massimu ta’ pagamenti ta’ għajnuna statali de minimis lis-setturi agrikoli produttivi kollha minn € 7 500 euro għal € 15 000 euro, bħala eċċezzjoni għal-limitu nazzjonali stabbilit għall-għajnuniet Statali;

18. Jirrikonoxxi li prezz iktar baxx għall-għalf jgħin biex jittaffew l-ispejjeż ta’ produzzjoni għall-bdiewa tal-lattiċini;

19. Jilqa’ l-proposta tal-Kummissjoni li testendi l-perjodu ta’ intervent għall-butir u l-ħalib tat-trab xkumat sat-28 ta’ Frar 2010, u jqis li l-prezz tal-intervent għandu jiżdied, għallinqas għaż-żmien qasir; jirrikonoxxi li dik hi miżura ta’ emerġenza biex tikkontrobatti l-iskwilibriji estremi tas-suq u ma hijiex soluzzjoni fit-tul;

20. Jitlob li jkun hemm estensjoni tal-ħżin privat għall-prodotti tal-ġobon u livelli adegwati ta’ appoġġ sabiex din il-miżura tkun effettiva, kif ukoll żieda fin-numru ta’ pajjiżi terzi - bħall-Istati Uniti - li jistgħu jiġu esportati lejhom prodotti tal-ġobon tal-UE bl-għoti lura ta’ flus fuq l-esportazzjoni;

21. Jitlob lill-Kummissjoni biex, għaż-żmien itwal u malli jiskadi l-għoti lura ta’ flus fuq l-esportazzjoni, teżamina kif jistgħu jinżammu l-approprjazzjonijiet korrispondenti fis-settur tal-lattiċini;

22. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippermetti l-assikurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni agrikola, hekk kif hi prattikata fl-Istati Uniti;

23. Jitlob lill-Kummissjoni biex ittejjeb it-trasparenza tal-prezzijiet fost il-katina tal-provvista tal-ikel, peress li l-prezzijiet għall-konsumatur f'ħafna Stati Membri jibqgħu evidentement għoljin minkejja li l-prezzijiet għall-produttur naqsu drammatikament;

24. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-komunikazzjoni tagħha dwar il-prezzijiet tal-ikel fl-Ewropa mingħajr dewmien; ifakkar li l-Parlament ilu ħafna jitlob lill-Kummissjoni biex tinvestiga l-abbużi potenzjali tal-poter tas-suq fil-katina tal-provvista tal-ikel, speċjalment fis-settur tal-lattiċini, u jqis li din l-investigazzjoni ilha ħafna dovuta;

25. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex timplimenta kodiċi ta' kondotta fl-UE kollha bejn il-bejjiegħa bl-imnut u l-produtturi;

26. Iqis li hemm bżonn li tiġi stabbilita sistema trasparenti li timmoniterja l-prezzijiet tal-komoditajiet, b'mod partikolari l-prezzijiet li jħallsu l-konsumaturi;

27. prend note avec regret que les conclusions du Conseil des ministres de l'agriculture n'ont pas proposé de solution concrète à une sortie de crise rapide du secteur du lait européen qui touche tous les producteurs de l'Union sans exclusive; Iqis b'dispjaċir li l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2009 għadhom ma pproponewx soluzzjoni prattika biex tintemm malajr il-kriżi tas-settur Ewropew tal-ħalib li taffettwa l-produtturi kollha tal-UE mingħajr eċċezzjoni.

28. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex topponi bil-qawwa inizjattivi minn uħud mill-Istati Membri, biex tkun rinazzjonalizzata l-Politika Agrikola Komuni;

29. Jinsisti li l-Kummissjoni tirrapporta regolarment lill-Parlament dwar is-sitwazzjoni tas-swieq tal-lattiċini fix-xhur li ġejjin;

30. Jagħti istruzzjonijiet lill-Presidenti tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

## Sigurtà tal-enerġija (Nabucco u Desertec)

P7_TA(2009)0021

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2009 dwar aspetti esterni tas-sigurtà tal-enerġija**

(2010/C 224 E/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Settembru 2007, "Lejn politika barranija Ewropea komuni għall-enerġija" (1),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Intergovernattiv bejn l-Awstrija, il-Bulgarija, l-Ungerija, ir-Rumanija u t-Turkija dwar il-qafas legali għall-proġett tas-sistema ta' pajpijiet tal-gass Nabucco, li ġie ffirmat fit-13 ta' Lulju 2009, f'Ankara,

— wara li kkunsidra l-akkwiżizzjoni mill-kumpanija Russa taż-żejt u l-gass Surgutneftegaz ta' sehem ta' minoranza kbir (21.2 %) fil-kumpanija petrokimika Ungeriża MOL, li hija membru tal-konsorzju Nabucco,

— wara li kkunsidra l-protokoll dwar il-koperazzjoni fil-qasam tal-gass bejn ir-Russja u t-Turkija, iffirmat fis-6 ta' Awwissu 2009 f'Ankara, skont liema t-Turkija tagħti kunsens preliminari għall-bini tas-sistema tal-pajpijiet tal-gass South Stream u tawtorizza lir-Russja biex twettaq ħidma ta' stħarriġ għas-sistema tal-pajpijiet fl-ibħra territorjali tat-Turkija,

— wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Ftehim iffirmat fit-13 ta' Lulju 2009 bejn 12-il kumpanija tal-UE għat-twaqqif ta' Inizjattiva Industrijali DESERTEC sabiex jiġi żviluppat il-potenzjal kbir ta' enerġija mix-xemx fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq,

(1) ĠU C 219 E, 28.8.2008, p. 206.

**Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2009**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata t-Tieni Analiżi Strateġika dwar l-Enerġija - pjan ta' azzjoni tal-UE għas-sigurta' u s-solidarjeta' tal-enerġija (COM(2008)0781),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar id-Direttiva 2004/67/KE (COM(2009)0363),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fil-Komunità Ewropea u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 736/96 (COM(2009)0361),

— wara li kkunsidra l-ħmistax-il Konferenza tal-Partijiet (COP 15) għall-Konvenzjoni Qafas dwar il-Bidla fil-Klima tan-Nazzjonijiet Uniti (UNFCCC) li għad trid issir u l-ħames Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto (COP/MOP 5) li se jsiru f'Kopenħagen, fid-Danimarka, bejn is-7 u s-18 ta' Diċembru 2009,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi s-sigurtà fl-enerġija hija komponent essenzjali tas-sigurtà, l-istabilità u l-prosperità ġenerali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll element ewlieni għall-kisba ta' żvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa, li għalihom, madankollu, għad m'hemmx bażi fit-Trattati,

B. billi n-nuqqas Politika Ewropea Barranija Komuni tal-Enerġija tfixkel il-koerenza u l-kredibilità tal-azzjoni esterna tal-UE,

C. billi, fil-preżent, id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjoni tal-enerġija hija sinifikanti u, fiċ-ċirkustanzi attwali, din hija mistennija li tiżdied,

D. billi, minkejja t-tnaqqis fil-prezzijiet taż-żejt u tal-gass minħabba l-kriżi finanzjarja globali, il-progress li miexi bil-mod fil-bidla lejn fjuwils aktar sostenibbli, fimkien mal-produzzjoni li qed tonqos fl-inħawi tad-dinja fejn jinsabu ż-żejt u l-gass, minkejja li nstabu riżorsi ġodda, u d-domanda dejjem ikbar, bla dubju se jwasslu għal swieq tal-fjuwils fossilli iktar stretti u għal dipendenza dejjem ikbar fuq l-importazzjoni għall-pajjiżi li jikkunsmaw iż-żejt ladarba tintemm il-kriżi,

E. billi diversi Stati Membri jiddependu ħafna fuq fornitur wieħed tal-gass naturali u billi t-tħarbit inġustifikat fil-provvisti jista' jikkawża problemi serji, kif uriet l-aħħar kriżi tal-gass bejn ir-Russja u l-Ukraina fil-bidu tal-2009,

F. billi għadd ta' Stati Membri m'għandhomx biżżejjed riżervi naturali biex jaffrontaw il-kriżijiet,

G. billi, minħabba d-dipendenza attwali li qed tiżdied tal-provvista tal-enerġija fuq reġjuni instabbli, intwera li l-isforzi biex tkun żgurata s-sigurtà tal-provvista fuq livell esklussivament nazzjonali mhumiex biżżejjed u ma jissalvagwardjawx l-interessi fit-tul tal-Istati Membri kollha,

H. billi, irriżulta li l-istrumenti eżistenti ta' twissija bikrija kienu insuffiċjenti biex titbassar il-kriżi tal-gass ta' Jannar 2009,

I. billi t-theddid prevedibbli għas-sigurtà tal-provvisti tal-enerġija se jkompli jeżisti sakemm il-pajjiżi li jipproduċu l-enerġija u l-pajjiżi ta' tranżitu tal-enerġija ma jikkonformawx ma' regoli komuni u trasparenti, kif definiti mit-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija u l-Protokoll ta' Tranżitu,

J. billi, jekk ikun hemm impenn fir-rigward tal-effiċjenza tal-enerġija kemm domestikament kif ukoll esternament u ċaqliqa sinifikanti biex ikun hemm sehem ħafna akbar ta' enerġija li tiġġedded fit-taħlita enerġetika attwali tal-Unjoni Ewropea, din ikollha impatt ewlieni fuq it-tnaqqis tad-dipendenza tagħha fuq l-importazzjoni tal-enerġija u b'hekk tittejjeb is-sigurtà tal-enerġija tagħha minn naħa, u tgħinha biex tilħaq l-impenn tagħha biex l-emissjonijiet tal-gassijiet bl-effett ta' serra jitnaqqsu b'20 % sal-2020 jew aktar fil-każ ta' qbil f'Kopenħagen, min-naħa l-oħra,

K. billi soluzzjoni effettiva ħafna f'termini ta' spejjeż għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-UE fir-rigward tal-enerġija hija li jitħeġġeġ it-tfaddil tal-enerġija, l-użu ta' enerġija sostenibbli u miżuri ta' effiċjenza tal-enerġija, li jikkontribwixxu wkoll għall-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u għall-progress lejn ekonomija b'riżorsi effiċjenti,

L. billi l-kooperazzjoni mill-qrib fil-qasam tal-provvista tal-enerġija tikkostitwixxi waħda mill-miżuri l-aktar effettivi u indispensabbli għall-bini ta' fiduċja fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ġirien,

M. billi, minkejja li diġà ttieħdu xi passi, hemm bżonn li tinħoloq politika għall-enerġija tassew komuni fir-rigward tar-regolazzjoni tas-suq intern, iżda mhux fir-rigward tat-taħlita ta' enerġija tal-pajjiż, li tibqa' l-prerogattiva tal-Istati Membri, kif ukoll aspetti esterni, li tqis l-interessi politiċi u ekonomiċi tal-Istati Membri kollha,

N. billi Politika Ewropea Barranija Komuni dwar l-Enerġija, ibbażata fuq solidarjetà, diversifikazzjoni, unità fid-difiża tal-interessi komuni, koperazzjoni msaħħa mal-pajjiżi ewlenin ta' produzzjoni, tranżitu u konsum tal-enerġija u l-promozzjoni tas-sostenibilità, joħolqu sinerġiji li jgħinu sabiex tkun żgurata s-sigurtà tal-provvista għall-Unjoni Ewropea u jżidu s-saħħa u l-kapaċità għal azzjoni tal-UE fi kwistjonijiet ta' politika barranija, u l-kredibilità tagħha bħala attur globali,

1. Jistenna li il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri flimkien juru tmexxija strateġika iktar b'saħħitha fl-istabbiliment ta' politika barranija Ewropea komuni dwar l-enerġija li tkun ġenwina, kif mitlub fir-riżoluzzjoni tiegħu msemmija hawn fuq tas-26 ta' Settembru 2007;

2. Jilqa' il-miżuri dwar id-diversifikazzjoni u t-titjib tas-sigurtà tal-enerġija tal-UE, kif propost mill-Kummissjoni fit-Tieni Analiżi Strateġika tal-Enerġija; jikkunsidra, madankollu, li hemm bżonn ta' prijoritajiet definiti b'mod ċar u ta' azzjoni rapida biex jiġu implimentati, filwaqt li l-Parlament jinżamm kompletament informat;

3. Itenni li suq intern tal-enerġija li jiffunzjona tajjeb huwa ta' importanza vitali għall-prevenzjoni ta' kriżijiet u tħarbit fil-provvisti tal-gass fil-ġejjieni, bħal ma hija wkoll id-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija; jenfasizza, għaldaqstant, il-ħtieġa ta' iktar investiment fl-enerġija rinnovabbli u li tipproduċi emissjonijiet baxxi tal-karbonju u fl-effiċjenza tal-enerġija, u din għandha tkun parti ċentrali tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Enerġija għal bejn l-2010 u l-2014;

4. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposti l-ġodda għal regolamenti msemmija hawn fuq dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u dwar proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fil-Komunità Ewropea, li se jikkontribwixxu għal sigurtà ikbar tal-provvista tal-gass fl-Unjoni Ewropea billi jiżguraw li l-Istati Membri jieħdu azzjoni preventiva u jtejbu l-mekkaniżmi għall-immaniġġjar ta' kriżi u billi jkun hemm iktar trasparenza u inqas burokrazija;

5. Jitlob li jkun hemm aktar sforzi biex jiġu antiċipati l-problemi potenzjali fil-provvisti tal-enerġija sabiex jiġi evitat tħarbit fil-ġejjieni billi tiġi żviluppata, *inter alia*, l-effettività tan- Netwerk ta' Korrispondenti tas-Sigurtà tal-Enerġija (NESCO) u jistieden b'urġenza lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-mekkaniżmi ta' twissija bikrija, in-NESCO u l-istrumenti l-oħra, li ntwera li kienu ineffiċjenti quddiem il-kriżi tal-enerġija tal-2009 bejn ir-Russja u l-Ukrajna;

**Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2009**

6. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw ħażna ta' gass naturali bil-kapaċità ta' distribuzzjoni rapida;

7. Iqis it-titjib tal-interkonnessjonijiet fl-Ewropa bħala xi ħaġa essenzjali, peress li l-għeluq tad-differenzi eżistenti huwa essenzjali għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern u s-solidarjetà tal-enerġija; jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan ir-rigward, il-ftehim dwar il-finanzjament ta' proġetti ta' infrastruttura bħala parti mill-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku (EUR 250 miljun) u l-idea li l-Ewropa tingħata supernetwerk Ewropew ġdid għall-elettriku u l-gass, iżda jinsisti li huwa indispensabbli li jkun hemm żieda ġenerali fl-iffinanzjar pubbliku fil-qasam tas-sigurtà tal-enerġija;

8. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jitwettqu proġetti strateġiċi immirati lejn id-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija, speċjalment fil-Kuritur tan-Nofsinhar; ifaħħar, f'dan il-kuntest li saru aktar indipendenti mill-provvista Russa, lill-gvernijiet tal-Awsrija, tal-Bulgarija, tal-Ungerija, tar-Rumanija u tat-Turkija rigward l-iffirmar tal-Ftehima Intergovernattiva fit-13 ta' Lulju 2009 dwar il-qafas legali tal-proġett tas-sistema ta' pajpijiet Nabucco li huwa pass importanti biex iseħħ dan il-proġett ta' prijorità tal-UE, iżda fl-istess ħin jenfasizza l-importanza ta' regoli ġenerali għall-iżvilupp tal-kuritur bil-ħsieb li l-UE tingħaqad ma' sorsi tal-gass ġodda mil-Lvant Nofsani u mir-reġjun tal-Kaspju, u tkun indipendenti minn kumpanija jew sistema tal-pajpijiet waħda u bil-għan primarju li din ir-rabta sseħħ bil-ħeffa; iħeġġeġ lill-kumpaniji u lill-Istati Membri involuti f'koperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni biex jiżguraw il-ftehimiet inizjali mal-fornituri prospettivi għall-alimentazzjoni tas-sistema tal-pajpijiet;

9. Jenfasizza li l-UE għandha tipparteċipa fi djalogu mill-qrib mal-fornituri prinċipali tal-enerġija, bil-ħsieb li jissaħħew l-interdipendenza enerġetika u s-sigurtà tal-enerġija għall-UE kollha, b'attenzjoni partikulari fuq iż-żieda fl-effiċjenza, l-aċċess indaqs għas-suq, in-nondiskriminazzjoni u t-trasparenza;

10. Jisħaq li d-djalogi dwar l-enerġija ma għandhomx b'ebda mod isiru a spejjeż tad-djalogi franki u orjentati lejn ir-riżultati dwar il-jeddijiet tal-bniedem u li l-ħarsien tal-jeddijiet tal-bniedem u s-sigurtà enerġetika għandhom ikunu prijorità fuq l-aġenda għas-samit li ġej bejn l-UE u r-Russja u jsiru parti integranti mill-ftehima l-ġdida bejn l-UE u r-Russja;

11. Jissuġġerixxi l-iżvilupp ta' approċċ komuni tal-UE għan-negozjati dwar ir-regoli u l-miżati għat-tranżitu mal-imsieħba esterni u jistieden lill-Istati Membri biex jinformaw lil xulxin u lill-Kummissjoni dwar deċiżjonijiet u ftehimiet strateġiċi li jikkonċernaw lil proġetti ta' infrastruttura enerġetika;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni immedjata kontra manuvri ta' akkwiżizzjoni ostili minn entitajiet barranin mhux trasparenti fis-suq tal-enerġija tal-UE u biex tapplika b'mod strett ir-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni; jinsab allarmat, per eżempju, minħabba l-akkwiżizzjoni reċenti mill-kumpanija Surgutneftegaz ta' sehem fil-kumpanija tal-enerġija Ungeriża MOL, u minħabba l-inabilità tagħha li tiżvela l-istruttura tas-sjieda tagħha u l-identità tas-sidien benefiċjarji aħħarija tagħha, kif intalab leġittimament mir-regolatur Ungeriż tas-suq tal-enerġija; jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga l-attivitajiet ta' entitajiet barranin mhux trasparenti bħal CENTREX, li reċentement xtraw sehem ta' 20 % fil-faċilità kummerċjali u ta' ħżin f'Baumgarten, l-Awstrija;

13. Jistieden lill-UE biex tikkopera mal-pajjiżi fir-reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana minħabba l-potenzjal sinifikanti tagħhom bħala sorsi ta' enerġija, b'mod partikulari permezz tal-produzzjoni tal-enerġija mir-riħ offshore;

14. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jikkoperaw mal-Istati Membri tar-reġjun tal-Mediterran u l-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq, minħabba l-potenzjal sinifikanti tagħhom fir-rigward tar-riżorsi tal-enerġija u l-opportunitajiet sustanzjali li jistgħu jinħolqu għall-żvilupp tagħhom stess, b'mod partikolari fi ħdan il-proċess ta' Barċellona; iħeġġeġ, b'mod partikulari, l-użu tal-enerġija mix-xemx u mir-riħ f'dawn ir-reġjuni; jilqa' b'sodisfazzjon il-progress li sar bl-Inizjattiva Industrijali DESERTEC sabiex jiġi żviluppat il-potenzjal ta' enerġija mix-xemx fuq skala vasta fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq; jenfasizza li azzjoni tal-UE fir-rigward tal-proġett DESERTEC irid ikun koerenti u jagħti kontribut attiv lill-iżvilupp tal-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq u tal-Lvant Nofsani; għalhekk jistieden lill-kumpaniji u lill-Istati Membri involuti f'dan il-proġett biex - b'koperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni - jippromwovu l-iżvilupp permezz tat-trasferiment ġenwin tat-teknoloġija u tal-iżvilupp tal-ħiliet għal kumpaniji lokali u s-soċjetà ċivili sabiex tkun żgurata s-sjieda u tinbena sħubija dewwiema mal-pajjiżi tal-Mediterran li fihom se jkun żviluppat il-proġett DESERTEC;

15. Jenfasizza l-importanza strateġika tar-reġjun tal-Artiku għall-UE, fir-rigward kemm tar-riżorsi tal-enerġija, kwistjonijiet tal-ambjent, tal-bijodiversità kemm tat-trasport bil-ftuħ tal-passaġġ bejn in-Nofsinhar u l-Lvant;

16. Jenfasizza li l-progress fl-iżvilupp ta' politika Ewropea komuni rigward l-enerġija jiddependi fil-biċċa l-kbira fuq id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lizbona; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri sabiex jieħdu passi biex jiżguraw bażi ta' Trattat li tkun vinkolanti, progressiva u li tkun tiġbor kollox fiha, għal politika Ewropea komuni rigward il-provvista u s-sigurtà tal-enerġija; jitlob ir-ratifika rapida tat-Trattat ta' Lizbona, li jinkludi klawżola dwar is-solidarjetà enerġetika u li jagħmel il-politika dwar l-enerġija responsabilità kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri, bħala pass fid-direzzjoni t-tajba;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

---

## Qtil ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja

P7_TA(2009)0022

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-qtil ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja**

(2010/C 224 E/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Russja, u b'mod partikolari dawk tal-25 ta' Ottubru 2006 dwar il-qtil tal-ġurnalista Russa Anna Politkovskaya ([1]) u tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar attakki fuq difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja u l-proċess dwar il-qtil ta' Anna Politkovskaya ([2]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Presidenza tal-Kunsill f'isem l-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Awissu 2009 dwar il-qtil tad-difensur tad-drittijiet tal-bniedem Ċeċena Zarem Sadulayeva u żewġha Alik Dzhabrailov,

— wara li kkunsidra l-Ftehima ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa, li daħlet fis-seħħ fl-1997 u li ġiet estiża sa ma tinbidel bi ftehima ġdida,

— wara li kkunsidra n-negozjati li għaddejjin bħalissa għal ftehima ġdida li tkun tagħti qafas komprensiv ġdid għar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, id-Dikjarazzjoni tan- Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, u d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar il-Jedd u r-Responsabilità tal-Individwi, ta' Gruppi u ta' Organi tas-Soċjetà li Jippromwovu u Jħarsu d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali Magħrufa Universalment,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

([1]) ĠU C 313 E, 20.12.2006, p. 271.
([2]) ĠU C 58 E, 12.3.2009, p. 180.

**Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2009**

A. billi, bħala membru tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE), ir-Russja kkommettiet ruħha għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundametnali u l-istat ta' dritt,

B. billi l-kooperazzjoni mtejba u r-relazzjonijiet tajba bejn ġirien bejn l-UE u r-Russja huma ta' importanza fundamentali għall-istabilità, is-sigurtà u l-prosperità tal-Ewropa kollha,

C. billi l-UE timmira lejn sħubija strateġika mar-Russja bbażata fuq il-valuri tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat ta' dritt,

D. billi hemm deterjorament allarmanti tal-qagħda tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-aktar fil-Kawkasu ta' Fuq,

E. billi l-ħidma tal-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem bħalma huma Memorial u Demos huma essenzjali għall-ħolqien ta' soċjetà stabbli u libera; billi l-Gvern Russu għandu għalhekk ikun kburi bl-irwol importanti milgħub minn tali istituzzjonijiet,

F. billi l-avukat tad-drittijiet tal-bniedem Stanislav Markelov, li kien ukoll irrappreżenta lill-ġurnalista maqtula Anna Politkovskaya, safa maqtul fil-20 ta' Jannar 2009 flimkien mal-ġurnalista Anastasia Barburova, li mietet hi u tipprova tipproteġi lis-Sur Markelov,

G. billi fil-10 ta' Lulju 2009, instab il-kadavru tal-attivist tad-drittijiet tal-bniedem Andrei Kulagin f'barriera f' Petrozavodsk, xahrejn wara l-għajbien tiegħu,

H. billi Natalia Estemirova, kap ta' Memorial fiċ-Ċeċnja, sfat maħtufa, fil-15 ta' Lulju 2009 fi Grozny u nstabet mejta f'Ingushetia, lokalità fil-qrib; billi l-Parlament Ewropew żamm minuta silenzju b'tifkira ta' Natalia Estemirova matul is-sessjoni tas-16 ta' Lulju 2009; billi wara dan il-qtil ix-xogħol ta' Memorial fiċ-Ċeċnja ġie sospiż,

I. billi mistenni jibda ġuri għal diffamazzjoni f'Settembru 2009 f'Moska, abbażi ta' ilment magħmul mill-President Ċeċen Ramzan Kadyrov kontra Oleg Orlov, Kap taċ-Ċentru tad-Drittijiet tal-Bniedem Memorial, għal libell wara l-istqarrija tas-Sur Orlov ippubblikata fuq is-sit elettroniku ta' Memorial fil-15 ta' Lulju 2009 li fiha xela lill-President Kadyrov li kien imdaħħal fil-qtil ta' Natalia Estemirova,

J. billi fil-10 ta' Awissu 2009, l-attivisti tas-soċjetà ċivili Ċeċeni Zarema Sadulayeva u żewġha Alik Dzhabrailov, li kienu qed jaħdmu għall-organizzazzjoni umanitarja 'Save the Generation', sfaw maħtufa fl-uffiċju tagħhom fi Grozny u nstabu maqtulin l-għada,

K. billi fit-4 ta' Diċembru 2008, l-uffiċju ta' San Pietruburgu tar-Research and Information Centre Memorial sfaw imfittxija minn irġiel mgħammda mill-Uffiċju tal-Prosekutur Ġenerali Russu, u ttieħdu hard drives u CDs li kien fihom il-ġabra ta' data sħiħa li tkopri eluf ta' vittmi tar-repressjoni Stalinista; billi l-ġabra ta' data ingħatat lura wara ordni tal-qorti,

L. billi fit-3 ta' Settembru 2009, il-blokk ta' appartamenti fejn Oleg Orlov, Kap taċ-Ċentru tad-Drittijiet tal-Bniedem Memorial, u l-kollaboratur tiegħu Alexander Tcherkassov għandhom ir-residenzi privati tagħhom, ġew spezzjonati minn investigaturi tal-gvern li għamlu tabirruħhom li jaħdmu għall-awtorità tat-taxxa,

M. billi fit-3 ta' Settembru 2009, xahrejn wara li ordnat ritrattazzjoni tat-tliet suspettati misjuba mhux ħatja fi Frar ta' din is-sena, il-Qorti Suprema Russa ordnat investigazzjoni ġdida fil-qtil ta' Anna Politkovskaya li kien seħħ fl-2006,

**Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2009**

N. billi saru bosta ilmenti minn ċittadini Russi fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasburgu,

1. Jikkundanna mingħajr riżerva u jiddeplora bil-qawwa l-persekuzzjoni u l-attakki fuq ħajjet difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, avukati u ġurnalisti fir-Russja;

2. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Russi jagħmlu kulma hu f'setgħethom biex jiżguraw il-ħarsien tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, kif jingħad fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar il-Jedd u r-Responsabilità tal-Individwi, ta' Gruppi u ta' Organi tas-Soċjetà li Jippromwovu u Jħarsu d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali Magħrufa Universalment; jistieden b'mod partikolari lill-awtoritajiet responsabbli joħolqu ċirkostanzi li jippermettu lil Memorial u organizzazzjonijiet oħrajn tad-drittijiet tal-bniedem li jerġgħu jkomplu bl-attivitajiet tagħhom fiċ-Ċeċnja f'ambjent sigur; jilqa' r-ritorn tal-arkivju kkonfiskat ta' Memorial f'San Pietruburgu wara l-perkwiżizzjoni tal-4 ta' Diċembru 2008;

3. Jistieden lill-awtoritajiet federali Russi jinvestigaw, malajr, sew u b'mod effettiv, kull qtil msemmi aktar 'il fuq u jressaq kemm lil dawk reponsabbli għal dawn l-atti brutali kif ukoll lil dawk involuti quddiem il-ġustizzja;

4. Jisħaq li l-impunità fiċ-Ċeċnja twassal għad-destabilizzazzjoni fir-reġjun kollu tal-Kawkasu ta' Fuq;

5. Jieħu nota tat-telegramma li f'Lulju l-President Russu Dmitry Medvedev bagħat lill-organizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem Memorial li fiha wiegħed l-impenn tiegħu għal investigazzjoni sħiħa tal-qil ta' Natalia Estemirova;

6. Jilqa' l-inizjattiva meħuda mill-President Medvedev li jemenda l-liġi dwar l-NGOs bil-ħsieb li jtaffi ċerti restrizzjonijiet u kumplikazzjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni għall-NGOs Russi, u jistenna titjib sostanzjali;

7. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Qorti Suprema Russa tat-3 ta' Settembru 2009 li tniedi investigazzjoni ġdida dwar il-qtil ta' Anna Politkovskaya u li tittratta l-investigazzjonijiet kontra t-tlitt irġiel li instabu mhux ħatja fl-ewwel proċess f'każ wieħed mal-allegat assassin Rustam Makhmudow u dawk li sponsorjawh; jitlob li dan il-proċess jinbeda mill-aktar fis possibbli, u jsir permezz ta' proċedura ta' ġuri u li l-proċess ikun miftuħ għall-ġurnalisti u l-mezzi kollha tax-xandir;

8. Jitlob li jogħla l-livell tal-konsultazzjonijiet marbutin mad-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u r-Russja u jħeġġeġ li dan il-proċess ta' konsutazzjoni jkun miftuħ għal kontribuzzjoni effettiva tal-Parlament Ewropew, tad-Duma tal-Istat, tal-awtoritajiet ġudizzjarji Russi u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lir-Russja tirrispetta bis-sħiħ l-obbligi tagħha bħala membru tal-OSCE u tal-Kunsill tal-Ewropa, inkluż ir-rispett għall-jedd tal-assoċjazzjoni u l-jedd tad-dimostrazzjoni paċifika; jisħaq il-pożizzjoni tiegħu li l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem għandu jkun punt privileġġjat fuq l-aġenda tal-laqgħa għolja li ġejja bejn l-UE u r-Russja u għandu jsir parti integranti mill-ftehima l-ġdida bejn l-UE u r-Russja;

9. Jistieden lill-awtoritajiet Russi biex jimxu mad-deċiżjonijiet kollha tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u jirratifikaw l-Protokoll Addizzjonali 14 għall-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali dwar ir-riforma tas-sistema ta' kontroll tagħha, mingħajr dewmien;

10. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu li jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern u l-Parlament tal-Federazzjoni Russa, lill-OSCE u lill-Kunsill tal-Ewropa.

**Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2009**

## Il-Każakistan : il-każ ta' Yevgeny Zhovtis

P7_TA(2009)0023

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-każ ta' Yevgeny Zhovtis fil-Każakistan**

(2010/C 224 E/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Każakistan u r-Repubbliki tal-Asja Ċentrali,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Frar 2008 dwar Strateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali [1],

— wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għal-sħubija ġdida mal-Asja Ċentrali li ġiet adottata mill-Kunsill Ewropew fit-23 ta' Ġunju 2007,

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Strateġija tal-Kummissjoni għall-Għajnuna lill-Asja Ċentrali 2007-2013,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-għaxar laqgħa tal-Kunsill ta' Koperazzjoni UE-Każakistan,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tat-tmien laqgħa tal-Kumitat ta' Koperazzjoni Parlamentari UE-Każakistan li saret fi Brussell fil-31 ta' Marzu 2008,

— wara li kkunsidra l-Ftehima ta' Sħubija u ta' Koperazzjoni bejn il-KE u l-Każakistan [2] li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-relazzjonijiet u l-koperazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Każakistan qegħdin jikbru kontinwament fil-livelli kollha; billi l-Każakistan għandu rwol kruċjali fir-rigward tal-istabilità u s-sigurtà tal-Asja Ċentrali kif ukoll tal-iżvilupp ekonomiku tar-reġjun kollu,

B. billi fl-2010 l-Każakistan se jieħu f'idejh il-Presidenza tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa (OSCE); billi dik il-pożizzjoni ser tagħti lill-pajjiż profil akbar u aktar responsabilità fl-oqsma tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem; billi l-OSCE ħeġġet lill-Każakistan biex iżid ir-riformi demokratiċi qabel ma jieħu f'idejh il-presidenza,

C. billi, minkejja dak il-kompitu internazzjonali importanti, matul ix-xhur li għaddew is-sitwazzjoni interna tal-Każakistan marret għall-agħar minħabba żjieda fir-restrizzjonijiet fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni u għadd ta' prosekuzzjonijiet kontroversjali,

D. billi fit-3 ta' Settembru 2009 Yevgeny Zhovtis, direttur tal-Bureau Internazzjonali tal-Każakistan għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Istat tad-Dritt u difensur prominenti tad-drittijiet tal-bniedem, instab ħati ta' qtil involontarju talli laqat u qatel persuna miexja fit-triq bil-karozza tiegħu, fis-26 ta' Lulju 2009 u ngħata sentenza ta' erba' snin f'komunità penali,

E. billi fis-27 ta' Lulju 2009 infetħet l-investigazzjoni tal-pulizija u Yevgeny Zhovtis kien innominat bħala xhud; billi fit-28 ta' Lulju 2009, l-istatus tas-Sur Zhovtis fl-investigazzjoni nbidel għal dak ta' suspettat, iżda, bi ksur tal-liġi Każakija, it-tim legali tiegħu ma kienx infurmat dwar dan l-iżvilupp sal-14 ta' Awissu 2009,

(1) ĠU C 184 E, 6.8.2009, p. 49.
(2) ĠU L 196, 28.7.1999, p. 3.

F. billi l-Uffiċċju tal-OSCE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem iddikjara li "proċeduri dubjużi setgħu kisru d-dritt ta' Zhovtis għal proċess ġust kif iggarantit mill-kostituzzjoni tal-Każakistan, l-impenji tal-pajjiż fir-rigward tal-OSCE kif ukoll standards internazzjonali fundamentali",

G. billi f'laqgħat tal-OSCE fl-imgħoddi, Yevgeni Zhovtis kien ta dettalji dwar abbużi tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżu, li jqajmu dubji dwar kemm huwa floku li l-Każakistan jippresiedi organizzazzjoni ddedikata għall-ħarsien tal-prinċipji demokratiċi,

H. billi, fl-imgħoddi, tfissru preokkupazzjonijiet serji dwar il-proċessi u t-tfigħ il-ħabs sussegwenti ta' attivisti Każakin oħra għad-drittijiet tal-bniedem, fosthom Ramazan Yesergepov u Sergei Duvanov,

I. billi f'Ġunju tal-2008 u mbagħad f'Mejju tal-2009, b'rabta mal-fatt li pajjiżu wasal biex jieħu f'idejh il-presidenza tal-OSCE, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Każakistan, Marat Tahzin, wiegħed t-tisħiħ u t-titjib tal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem fil-Każakistan,

J. billi l-Artikolu 2 tal-Ftehima ta' Sħubija u ta' Koperazzjoni bejn l-UE u l-Każakistan jirrikjedi li jintwera rispett għad-demokrazija, il-prinċipji tal-liġi internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem,

1. Filwaqt li ma jqajjimx dubji dwar l-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja, li hija element ewlieni ta' kull demokrazija, jesprimi t-tħassib kbir tiegħu għall-mod li bih twettqet l-investigazzjoni dwar l-inċident sfortunat tat-traffiku u l-proċess sussegwenti ta' Yevgeni Zhovtis, u jiġbed l-attenzjoni għal allegazzjonijiet li xhieda għad-difiża tas-Sur Zhovtis ma kinitx permessa matul il-proċess;

2. Jistieden lill-awtoritajiet Każakin biex iwettqu minnufih u b'rispett sħiħ għat-trasparenza u l-istat tad-dritt investigazzjoni oħra sħiħa u ġusta dwar iċ-ċirkustanzi marbuta mal-inċident, kif ukoll biex janalizzaw kif xieraq il-kundanna u s-sentenza ta' Yevgeny Zhovtis;

3. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Każakin biex jagħtu dettalji uffiċjali rigward il-każ ta' Yevgeny Zhovtis kif ukoll sabiex jiżguraw proċess ġust, inkluż id-dritt ta' appell skont il-liġi tal-Każakistan;

4. Jiġbed l-attenzjoni għar-riżervi qawwija mfissra minn organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem dwar l-impenn veru tal-Gvern Każaki għall-progress meta fl-2007 l-OSCE ħabbret id-deċiżjoni li l-pajjiż jingħata l-presidenza tagħha, u jistenna li l-awtoritajiet Każakin jagħmlu kull sforz biex isir progress tanġibbli fit-titjib tad-demokratizzazzjoni u d-drittijiet tal-bniedem qabel ma jieħdu l-presidenza tal-OSCE;

5. Jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex iżżid l-għajnuna tal-UE lill-Każakistan u l-koperazzjoni mal-Każakistan f'dawn l-oqsma, sabiex jippreparaw lill-Gvern Każaki b'mod aħjar biex iwettaq dan il-kompitu internazzjonali importanti;

6. Iħeġġeġ lill-Kunsill biex jieħu pożizzjoni soda u jqajjem din il-kwistjoni mal-awtoritajiet Każakin u, b'mod partikulari, biex jittratta l-każ ta' Yevgeni Zhovtis fi ħdan il-qafas tad-djalogu bejn l-UE u l-Każakistan dwar id-drittijiet tal-bniedem, li t-tieni parti tiegħu huwa skedat għall-21 ta' Ottubru 2009, u l-laqgħa tal-Kunsill ta' Koperazzjoni UE-Każakistan f'nofs ix-xahar ta' Novembru 2009;

7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-proġetti u l-programmi tagħha fil-Każakistan fil-qafas tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR);

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Asja Ċentrali, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa, lill-Kunsill tal-Ewropa kif ukoll lill-Parlament, lill-Gvern u lill-President tal-Każakistan.

**Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2009**

# Is-Sirja: Il-każ ta' Muhannad al-Hassani

P7_TA(2009)0024

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2009 dwar is-Sirja: il-każ ta' Muhannad al-Hassani**

(2010/C 224 E/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1998,

— wara li kkunsidra l-Ftehima Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966, li kienet irratifikata mis-Sirja fl-1969,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattamenti jew Kastigi Oħrajn Krudili, Inumani jew Degradanti tal-1984, li ġiet irratifikata mis-Sirja fl-2004,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 11(1) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 177 tat-Trattat tal-KE, li jistabbilixxu l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem bħala objettiv tal-politika komuni barranija u ta' sigurtà,

— wara li kkunsidra l-Linji-Gwida tal-Unjoni Ewropea għad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-2004,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-Sirja, b'mod partikolari dawk tat-8 ta' Settembru 2005 ([1]), tal-15 ta' Ġunju 2006 ([2]), u tal-24 ta' Mejju 2007 ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli tiegħu ta' Proċedura,

A. konxju mill-importanza tar-rabtiet politiċi, ekonomiċi u kulturali li hemm bejn l-Unjoni Ewropea u s-Sirja; billi s-Sirja għandha rwol importanti x'tilgħab biex jinstabu l-paċi u l-istabilità dejjiema fil-Lvant Nofsani; billi l-ġrajjiet prożittivi f'dan ir-rigward li jagħtu bażi għat-tnedija mill-ġdid tal-isforzi mmirati lejn il-konklużjoni tal-Ftehima ta' Assoċjazzjoni,

B. billi l-Ftehima ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Għarbija tas-Sirja, min-naħa l-oħra, għadha trid tiġi ffirmata u rratifikata; billi l-Artikolu 2 ta' din il-Ftehima jistipula li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi jiggwidaw il-politika interna u internazzjonali tal-partijiet u jikkostitwixxu element essenzjali tal-Ftehima,

C. billi Muhannad al-Hassani, avukat tad-drittijiet tal-bniedem u President tal-Organizzazzjoni Sirjana tad-Drittijiet tal-Bniedem (Swasiah), kien arrestat mill-awtoritajiet Sirjani fit-28 ta' Lulju 2009; billi sar riferiment għalih fil-Palazz tal-Ġustizzja f'Damasku, fejn kien interrogat u formalment akkużat li kien qiegħed "idgħajjef is-sentimenti nazzjonali" u "jxerred aħbarijiet foloz", f'sessjoni bil-magħluq li għaliha l-avukat tiegħu ma tħalliex jidħol,

D. billi Muhannad al-Hassani kien involut fil-monitoraġġ tal-kondizzjonijiet ta' detenzjoni fis-Sirja u, l-aktar, tal-prattiki legali fil-Qorti Suprema għas-Sigurtà Statali, fejn il-ġurijiet ma jilħqux l-istandards internazzjonali skont ir-rapport ta' Frar tal-2009 tal-Human Rights Watch; billi kien interrogat bosta drabi qabel l-arrest, f' liema interrogazzjonijiet sar fokus fuq l-azzjonijiet tiegħu fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u d-difiża tal-priġunieri politici,

([1]) ĠU C 193 E, 17.8.2006, p.349.
([2]) ĠU C 300 E, 9.12.2006, p.519.
([3]) ĠU C 102 E, 24.4.2008, p.485.

E. billi l-Parlament u l-President tiegħu ġa intervjenew bosta drabi biex jiksbu r-rilaxx ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, parlamentari u politiċi oħrajn detenuti f'ħabsijiet Sirjani, inkluż Michel Kilo u Mahmoud Issa; billi l-Parlament Ewropew jilqa' l-inizjattivi kollha ta' suċċess meħudin minn Sirjani u oħrajn internazzjonali mmirati lejn ir-rilaxx tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem,

F. billi l-Liġi tal-Emerġenza li ilha fis-seħħ mill-1964 fil-fatt tillimita liċ-ċittadini fl-eżerċizzju tad-drittijiet ċivili u politiċi tagħhom; billi l-awtoritajiet Sirjani ġa preċedentement ma ħallewx lis-Sur Muhannad al-Hassni u avukati oħrajn tad-drittijiet tal-bniedem isiefru biex jieħdu sehem f'laqgħat tad- drittijiet tal-bniedem u seminars ta' taħriġ; billi huwa atteġjament ripetut u ormaj stabbilit tal-awtoritajiet Sirjani li jaqbdu mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u jikkastigawhom,

1. Jespirmi l-aktar tħassib serju dwar id-detenzjoni tas-Sur al-Hassani, li donnha għandha bħala mira l-kastig tal-attivitajiet tiegħu favur id-drittijiet tal-bniedem, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam mal-monitoraġġ tal-Qorti Suprema għas-Sigurtà Statali u l-kondizzjonijiet ta' detenzjoni fis-Sirja;

2. Jistieden lill-awtoritajiet Sirjani jirrilaxxjaw minnufih lis-Sur Muhannad al-Hassani u kif ukoll jiggarantixxu f'kull ċirkostanza l-inkolumità fiżika u psikoloġika tiegħu;

3. Jesprimi l-aktar tħassib serju tiegħu dwar ir-repressjoni sinifikanti li d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sirja għad qed ikollhom iħabbtu wiċċhom magħhom u l-assenza ta' progress f'dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet tal-bniedem mill-awtoritajiet Sirjani; għandu fiduċja l is-Sirja tista' tilgħab rwol importanti fil-paċifikazzjoni fir-reġjun, se ttejjeb u tappoġġja d-drittijiet tal-bniedem u l-libertà tal-espressjoni fil-pajjiż;

4. Jistieden lill-awtoritajiet Sirjani jwaqqfu din il-politika ta' persekuzzjoni u li jaqbdu mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-familji tagħhom u li jirrilaxxjaw minnufih lill-priġunieri kollha tal-kuxjenza, lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi Anwar al-Bunni u Kamal Labwani, u lill-attivisti tal-paċi;

5. Jistieden lill-awtoritajiet Sirjani jiżguraw il-funzjonament trasparenti tas-sistema ġudizzjarja, b'mod speċjali l-Qorti Suprema għas-Sigurtà Statali;

6. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Sirjani jottempraw ruħhom b'mod strett mal-Konvenzjoni tan-NU msemmija hawn fuq kontra t-Tortura u Trattamenti jew Kastigi Oħra Inumani jew Degradanti u ma' dokumenti u standards internazzjonali pertinenti oħrajn li jiżguraw li d-detenuti fil-ħabsijiet Sirjani:

(a) jiġu ttrattati tajjeb u ma jiġux assoġġettati għat-tortura jekk maltrattamenti oħra,

(b) jingħataw aċċess mill-ewwel, regolari, u mingħajr restrizzjoni għall-familji, l-avukati, u t-tobba tagħhom;

7. Jiddikjara għal darb' oħra l-konvinzjoni tiegħu li l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem hija waħda mill-pilastri li jżommu r-relazzjonijiet bejn l-UE u s-Sirja; jilqa' d-djalogu kontinwat bejn l-Unjoni Ewropea u s-Sirja u jittama li l-isforzi kontinwi jwasslu għal titjib mhux biss fil-qagħda ekonomika u soċjali fis-Sirja imma wkoll politikament u fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Presidenza Svediża, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jadottaw pjan, qabel il-firma tal-Ftehima ta' Assoċjazjoni, li jartikolar b'mod ċar it-titjib speċifiku fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem li hu mistenna mill-awtoritajiet Sirjani;

8. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-Gvern u l-Parlament tar-Repubblika Għarbija tas-Sirja.

**L-Erbgħa, 15 ta' Lulju 2009**

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Is-saħħa numerika tal-kumitati

P7_TA(2009)0001

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Lulju 2009 dwar is-saħħa numerika tal-kumitati**

(2010/C 224 E/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Konferenza tal-Presidenti,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tas-6 ta' Mejju 2009 dwar i l-poteri u r-reponsabbilitajiet tal-kumitati permanenti ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 183 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Iddeċieda li s-saħħa numerika tal-kumitati għandha tkun kif ġej:

I. Kumitat għall-Affarijiet Barranin: 76 membru

II. Kumitat għall-Iżvilupp 30 membru

III. Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali: 29 membru

IV. Kumitat għall-Baġits 44 membru

V. Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit 29 membru

VI. Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji: 48 membru

VII. Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali: 50 membru

([1]) Testi Adottati, P6_TA(2009)0348.

VIII. Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel: 64 membru

IX. Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija: 55 membru

X. Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur 39 membru

XI. Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu: 45 membru

XII. Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali: 49 membru

XIII. Kumitat għall-Agrikoltura u għall-Iżvilupp Rurali: 45 membru

XIV. Kumitat għas-Sajd: 24 membru

XV. Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni: 32 membru

XVI. Kumitati għall-Affarijiet Legali: 25 membru

XVII. Kumitat għall-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern: 55 membru

XVIII. Kumitati għall-Affarijiet Kostituzzjonali: 25 membru

XIX. Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi: 35 membru

XX. Kumitat għall-Petizzjonijiet: 35 membru

Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem: 30 membru

Sottokumitat dwar is-Sigurtà u d-Difiża: 30 membru;

2. Jiddeċiedi, b'referenza għad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tad-9 ta' Lulju 2009 dwar il-kompożizzjoni tal-Bureaux tal-Kumitati, li l-Bureaux tal-Kumitati jistgħu jikkonsistu minn sa erba' viċi-presidenti;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, biex ikunu infurmati.

**It-Tnejn, 14 ta' Settembru 2009**

## Is-saħħa numerika tad-delegazzjonijiet

P7_TA(2009)0002

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2009 dwar is-saħħa numerika tad-delegazzjonijiet interparlamentari, tad-delegazzjonijiet għall-kumitati parlamentari konġunti u tal-Assemblej Parlamentari multilaterali**

(2010/C 224 E/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Konferenza tal-Presidenti,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tas-6 ta' Mejju 2009 dwar in-numru tad-delegazzjonijiet interparlamentari, tad-delegazzjonijiet għall-kumitati parlamentari konġunti u tal-assemblej parlamentari multilaterali ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 198 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Jiddeċiedi li s-saħħa numerika tad-delegazzjonijiet parlamentari tkun kif ġej:

**(a) l-Ewropa, il-Balkani tal-Punent u t-Turkija**

Delegazzjonijiet għal:

— Kumitat Parlamentari Konġunt UE-Kroazja:15-il membru

— Kumitat Parlamentari Konġunt UE-Ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja: 13-il membru

— Kumitat Parlamentari Konġunt UE-Turkija:25 membru

Delegazzjoni għar-relazzjonijiet mal-Isvizzera, l-Islanda u n-Norveġja u għall-Kumitat Parlamentari Konġunt għaż-Zona Ekonomika Ewropea (ŻEE): 17-il membru

Delegazzjoni għar-relazzjonijiet mal-Albanija, il-Bosnia u Ħerżegovina, il-Montenegro u l-Kosovo: 28 membru

**(b) ir-Russja, l-Istati tas-Sħubija tal-Lvant, l-Asja Ċentrali u l-Mongolja**

Delegazzjoni għall-Kumitat ta' Koperazzjoni Parlamentari UE-Russja:31 membru

Delegazzjoni għall-Kumitat ta' Koperazzjoni Parlamentari UE-Ukraina:16-il membru

Delegazzjoni għall-Kumitat ta' Koperazzjoni Parlamentari UE-Moldova:14-il membru

Delegazzjoni għar-relazzjonijiet mal-Belarus:12-il membru

([1]) Testi Adottati, P6_TA(2009)0349.

Delegazzjoni għall-Kumitati ta' Koperazzjoni Parlamentari UE-Armenja, UE-Ażerbajġan u UE-Ġeorġja:18-il membru

Delegazzjoni għall-Kumitati ta' Koperazzjoni Parlamentari UE-Każakstan, UE-Kirġiżtan u UE-Użbekistan, u għar-relazzjonijiet mat-Taġikistan, it-Turkmenistan u l-Mongolja:19-il membru

**(c) il-Magreb, il-Maxreq, l-Iżrael u l-Palestina**

Delegazzjoni għar-relazzjonijiet:

— mal-Iżrael:22 membru

— mal-Kunsill Leġiżlattiv tal-Palestina:22 membru

— mal-pajjiżi tal-Magreb u l-Unjoni tal-Magreb Għarbi:18-il membru

— mal-pajjiżi tal-Maxreq:18-il membru

**(d) Il-Peniżola Għarbija, l-Iraq u l-Iran**

Delegazzjoni għar-relazzjonijiet:

— mal-Peniżola Għarbija:15-il membru

— mal-Iraq:12-il membru

— mal-Iran:18-il membru

**(e) Il-kontinent Amerikan**

Delegazzjoni għar-relazzjonijiet:

— mal-Istati Uniti:53 membru

— mal-Kanada:17-il membru

— mal-pajjiżi tal-Amerika Ċentrali:15-il membru

— mal-pajjiżi tal-Komunità Andina:12-il membru

— mal-Mercosur:19-il membru

Delegazzjoni għall-Kumitat Parlamentari Konġunt UE-Messiku:14-il membru

Delegazzjoni għall-Kumitat Parlamentari Konġunt UE-Ċilì:15-il membru

It-Tnejn, 14 ta' Settembru 2009

**(f) Asja/Paċifiku**

Delegazzjoni għar-relazzjonijiet:

— mal-Ġappun:25 membru

— mar-Repubblika Popolari taċ-Ċina:39 membru

— mal-Indja:20 membru

— mal-Afganistan:13-il membru

— mal-pajjiżi tal-Asja t'Isfel:17-il membru

— mal-pajjiżi tax-Xlokk tal-Asja u ma' l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN):22 membru

— mal-Peniżola Koreana:14-il membru

— mal-Awstralja u n-New Zealand:16-il membru

**(g) Afrika**

— Delegazzjoni għar-relazzjonijiet mal-Afrika t'Isfel:13-il membru

— Delegazzjoni għar-relazzjonijiet mal-Parlament Pan-Afrikan:12-il membru

**(h) Assemblej Multilaterali**

Delegazzjoni għall-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE:78 membru

Delegazzjoni għall-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja:49 membru

Delegazzjoni għall-Assemblea Parlamentari Ewro-Latinamerikana:75 membru

Delegazzjoni għall-Assemblea Parlamentari Euronest:60 membru

Delegazzjoni għar-relazzjonijiet mal-Assemblea Parlamentari tan-NATO:10 membri (li se tkun magħmula minn membri tas-Sottokumitat għas-Sigurtà u d-Difiża).

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.

**It-Tnejn, 14 ta' Settembru 2009**

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## L-approvazzjoni tal-ħatra tas-Sur Algirdas Šemeta bħala Membru tal-Kummissjoni

P7_TA(2009)0003

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2009 dwar l-approvazzjoni tal-ħatra tas-Sur Algirdas Šemeta bħala Membru tal-Kummissjoni**

(2010/C 224 E/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 214(2), it-tielet subparagrafu, u l-Artikolu 215 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-punt 4 tal-Ftehima ta' Qafas dwar relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni [1],

— wara l-kkunsidra r-riżenja tas-Sa Dalia Grybauskaitė bħala Membru tal-Kummissjoni, imressqa fil-25 ta' Ġunju 2009,

— wara li kkunsidra n-nomina mill-Gvern tal-Litwanja għall-ħatra tas-Sur Algirdas Šemeta bħala Membru tal-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/507/KE, Euratom tat-30 ta' Ġunju 2009 li taħtar Membru ġdid tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej [2],

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tad-9 ta' Lulju 2009 dwar il-proċedura li għandha tiġi applikata għas-sostituzzjoni tal-Kummissarji,

— wara li kkunsidra l-iskambju ta' opinjonijiet bejn il-Kummissarju nnominat u l-kumitat responsabbli tiegħu, li sar fl-1 ta' Settembru 2009,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106 u l-Anness XVII, punt 2, it-tieni paragrafu, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Japprova l-ħatra tas-Sur Algirdas Šemeta bħala Membru tal-Kummissjoni għall-bqija tal-mandat tal-Kummissjoni, sal-31 ta' Ottubru 2009;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

---

(1) ĠU C 117 E, 18.5.2006, p. 123.
(2) ĠU L 172, 2.7.2009, p. 34.

**It-Tnejn, 14 ta' Settembru 2009**

## L-approvazzjoni tal-ħatra tas-Sur Pawel Samecki bħala Membru tal-Kummissjoni

P7_TA(2009)0004

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2009 dwar l-approvazzjoni tal-ħatra tas-Sur Pawel Samecki bħala Membru tal-Kummissjoni**

(2010/C 224 E/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 214(2), it-tielet subparagrafu, u l-Artikolu 215 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-punt 4 tal-Ftehim ta' Qafas dwar relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżenja tas-Sinjura Danuta Hübner bħala Membru tal-Kummissjoni, imressqa fl-24 ta' Ġunju 2009,

— wara li kkunsidra n-nomina mill-Gvern tal-Polonja għall-ħatra tas-Sur Pawel Samecki bħala Membru tal-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/528/KE tat-3 ta' Lulju 2009 li taħtar Membru ġdid tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ([2]),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tad-9 ta' Lulju 2009 rigward il-proċedura li għandha tiġi applikata għas-sostituzzjoni tal-Kummissarji,

— wara li kkunsidra l-iskambju ta' opinjonijiet bejn il-Kummissarju nnominat u l-kumitat responsabbli tiegħu li sar fit-2 ta' Settembru 2009,

— wara li kkunsidra r-Regola 106 u l-Anness XVII (2), it-tieni paragrafu tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Japprova l-ħatra tas-Sur Pawel Samecki bħala Membru tal-Kummissjoni għall-bqija tal-mandat tal-Kummissjoni sal-31 ta' Ottubru 2009;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

([1]) ĠU C 117 E, 18.5.2006, p. 123.
([2]) ĠU L 178, 9.7.2009, p. 16.

# L-approvazzjoni tal-ħatra tas-Sur Karel De Gucht bħala Membru tal-Kummissjoni

P7_TA(2009)0005

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2009 dwar l-approvazzjoni tal-ħatra tas-Sur Karel De Gucht bħala Membru tal-Kummissjoni**

(2010/C 224 E/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 214(2), it-tielet subparagrafu, u l-Artikolu 215 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-punt 4 tal-Ftehima ta' Qafas dwar relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni ([1]),

— wara li kkunsidra l-ittra ta' riżenja tas-Sur Louis Michel minn Membru tal-Kummissjoni, bid-data tat-5 ta' Lulju 2009,

— wara li kkunsidra n-nomina mill-Gvern tal-Belġju għall-ħatra tas-Sur Karel De Gucht bħala Membru tal-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/552/KE, Euratom tas-16 ta' Lulju 2009 li taħtar Membru ġdid tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ([2]),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tad-9 ta' Lulju 2009 rigward il-proċedura li għandha tiġi applikata għall-bidla tal-Kummissarji,

— wara li kkunsidra l-iskambju ta' opinjonijiet bejn il-Kummissarju nnominat u l-kumitat responsabbli tiegħu li sar fl-1 ta' Settembru 2009,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106 u l-Anness XVII, punt 2, it-tieni paragrafu tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Japprova l-ħatra tas-Sur Karel De Gucht bħala Membru tal-Kummissjoni għall-bqija tal-mandat tal-Kummissjoni sal-31 ta' Ottubru 2009;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

([1]) ĠU C 117 E, 18.5.2006, p. 123.
([2]) ĠU L 185, 17.7.2009, p. 23.

**It-Tlieta, 15 ta' Settembru 2009**

# Ftehima bejn il-KE u l-Mongolja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru *

P7_TA(2009)0006

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2009 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehima bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Mongolja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (COM(2007)0731 – C7-0001/2009 – 2007/0252(CNS))**

(2010/C 224 E/15)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2007)0731),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 80(2) u 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza, tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0001/2009),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 55, 90(8) u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0001/2009),

1. Japprova l-konklużjoni tal-ftehima;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Mongolja.

## Ftehima bejn il-KE u ċ-Ċina: operazzjonijiet ta' trasport marittimu; adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija *

P7_TA(2009)0007

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2009 dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll li jemenda l-ftehim dwar it-trasport marittimu bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea (08127/2009 – 13698/2008 – C7-0030/2009 – 2008/0133(CNS))**

(2010/C 224 E/16)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0405)

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (08127/2009),

— wara li kkunsidra il-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport Marittimu bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, min-naħa l-oħra (13698/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 80(2) u l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0030/2009),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 90 (8) u l-Artikolu 46 (1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0002/2009),

1. Japprova l-konklużjoni tal-Protokoll li jemenda l-Ftehima;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

**It-Tlieta, 15 ta' Settembru 2009**

## Il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea

P7_TA(2009)0008

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-15 ta' Settembru 2009 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea b'konformità mal-punt 26 tal-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (COM(2009)0308 – C7-0051/2009 – 2009/2048(BUD))**

(2010/C 224 E/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2009)0308 – C7-0051/2009),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba [1], u b'mod partikolari l-punt 26 tagħha,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea [2],

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008 dwar il-Fond ta' Solidarjetà,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tat-trijalogu tas-7 ta' Lulju 2009,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0008/2009),

1. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma d-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, inkluż l-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

(1) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
(2) ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

**It-Tlieta, 15 ta' Settembru 2009**

**ANNESS**

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

### dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea b'konformità mal-punt 26 tal-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

— Wara li kkunsidraw il-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba [1], u b'mod partikolari l-punt 26 tagħha,

— Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea [2],

— Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea ħolqot Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (il "Fond") biex turi solidarjetà mal-popolazzjoni ta' reġjuni milqutin minn diżastri.

(2) Il-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta Mejju 2006 tippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond fil-livell massimu annwali ta' EUR 1 biljun.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 fih id-dispożizzjonijiet li bihom il-fond jista' jkun immobilizzat.

(4) Franza ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, dwar diżastru li sar kawża ta' tempesta.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 109 377 165 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Strasburgu,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

---

[1] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
[2] ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

It-Tlieta, 15 ta' Settembru 2009

## Il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

P7_TA(2009)0009

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-15 ta' Settembru 2009 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (COM(2009)0371 – C7-0115/2009 – 2009/2066(BUD))**

(2010/C 224 E/18)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2009)0371 – C7-0115/2009),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba [1], u b'mod partikulari l-punt 28 tagħha,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni [2] (Regolament EGF),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0006/2009),

A. billi l-Unjoni Ewropea stabbilixxiet l-istrumenti leġiżlattivi u baġitarji xierqa biex jipprovdu appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li jsofru mill-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fil-kummerċ globali u biex jgħinuhom jerġgħu jintegraw fis-suq tax-xogħol,

B. billi l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li jkunu ġew qegħda għandha tkun għajnuna dinamika u tkun disponibbli b'mod effiċjenti u malajr kemm jista' jkun, b'konformità mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008, u wara kunsiderazzjoni xierqa tal-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 rigward l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mmobilizzat il-Fond,

C. billi Spanja u l-Portugall talbu l-assistenza fir-rigward ta' każijiet li jikkonċernaw dawk il-ħaddiema li ingħataw is-sensja fis-settur tat-tessuti fir-reġjuni ta' Cataluña [3] u Norte-Centro [4] u billi ssodisfaw il-kriterji ta' eliġibilità kif stipulat fir-Regolament EGF,

1. Jitlob lill-istituzzjonijiet involuti biex jagħmlu l-isforzi necessarji biex iħaffu l-mobilizzazzjoni tal-Fond;

2. Jenfasizza li l-Unjoni Ewropea għandha tuża l-mezzi tagħha kollha biex tiffaċċja l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika u finanzjarja fid-dinja; f'dan ir-rigward, jinnota li l-EGF jista' jkollha rwol kruċjali fl-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol ta' dawk il-ħaddiema li sfaw bla xogħol;

(1) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
(2) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.
(3) EGF/2008/005 ES/Cataluña
(4) EGF/2009/001 PT/Norte-Centro.

3. Ifakkar li l-mobilizzazzjoni tal-EGF fl-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet m'għandhomx jipperikolaw l-iffinanzjar tal-Fond Soċjali Ewropew; jesprimi ċerti dubji dwar jekk il-kumplimentarjetà ma' strumenti oħra eżistenti bħall-Fond Soċjali tal-UE hijiex iggarantita;

4. Jimpenja ruħu li jevalwa l-funzjonament u l-valur miżjud tal-EGF fil-kuntest tal-evalwazzjoni ġenerali tal-programmi u ta' strumenti varji oħra maħluqa mill-IIA tas-17 ta' Mejju 2006, fi ħdan il-proċess tar-reviżjoni tal-baġit tal-qafas finanzjarju plurijennali 2007-2013;

5. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma din id-deċiżjoni mal-President tal-Kunsill u biex jagħmel arranġamenti sabiex tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, inkluż l-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

ANNESS

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

### dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'applikazzjoni tal-punt 28 tal-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([1]), u b'mod partikulari l-punt 28 tagħha,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) ġie stabbilit sabiex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li ingħataw is-sensja li jbatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjin, u sabiex jgħinhom fl-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.

(2) Il-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 tippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sal-limitu annwali ta' EUR 500 miljun.

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) GU L 406, 30.12.2006, p. 1.

(3) Spanja ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-EGF, fir-rigward ta' sensji fis-settur tat-tessuti, fid-29 ta' Diċembru 2008. Din l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti sabiex jigu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk ressqet proposta biex tuża l-ammont ta' EUR 3 306 750.

(4) Il-Portugall ressaq applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-EGF, fir-rigward ta' sensji fis-settur tat-tessuti, fit-23 ta' Jannar 2009. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiziti sabiex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk ressqet proposta biex tuża l-ammont ta' EUR 832 800.

(5) L-EGF għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjonijiet imressqa minn Spanja u l-Portugall,

IDDEĊIDEW DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' **EUR 4 139 550** f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Strasburgu,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

## Abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 6/2009

P7_TA(2009)0010

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2009 dwar l-abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 6/2009 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009, Taqsima III - (11888/2009 – C7-0098/2009 – 2009/2047(BUD))**

(2010/C 224 E/19)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 272 tat-Trattat KE u l-Artikolu 177 tat-Trattat Euratom,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009, adottat b'mod definittiv fit-18 ta' Diċembru 2008 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja solida ([2]),

— wara li kkunsidra l-abbozz preliminari tal-baġit ta' emenda Nru 6/2009 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009 ippreżentat mill-Kummissjoni fit-18 ta' Ġunju 2009 (COM(2009)0288),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 6/2009 mħejji mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2009 (11888/2009 – C7-0098/2009)

— wara li kkunsidra l-Artikolu 75 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7 0003/2009),

A. billi l-abbozz preliminari tal-baġit ta' emenda Nru 6 tal-baġit għall-2009 jkopri r-reviżjoni tal-previżjoni tar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali, tal-bażijiet tal-VAT u tad-DGN, tal-ibbaġitjar tal-korrezzjonijiet relevanti tar-Renju Unit kif ukoll l-iffinanzjar tagħhom u r-reviżjoni tal-iffinanzjar tat-tnaqqis tad-DGN favur l-Olanda u l-Iżvezja fl-2009,

B. billi l-għan tal-abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 6/2009 huwa li dawn l-aġġustamenti baġitarji jiddaħħlu b'mod formali fil-baġit tal-2009,

1. Japprova l-abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 6/2009 mingħajr emendi;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 69, 13.3.2009.
([2]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

## Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 7/2009

P7_TA(2009)0011

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2009 dwar l-Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 7/2009 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009, il-maltempata Klaus fi Franza (12951/2009 C7-0130/2009 2009/2046(BUD))**

(2010/C 224 E/20)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 272 tat-Trattat KE u l-Artikolu 177 tat-Trattat Euratom,

**It-Tlieta, 15 ta' Settembru 2009**

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009, kif ġie adottat finalment fit-18 ta' Diċembru 2008 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([3]),

— wara li kkunsidra l-abbozz preliminari ta' baġit ta' emenda Nru 7/2009 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009, ippreżentat mill-Kummissjoni fit-22 ta' Ġunju 2009 (SEC(2009)0827),

— wara li kkunsidra l-Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 7/2009, li l-Kunsill stabbilixxa fis-7 ta' Settembru 2009 (12951 /2009 C7-0130/2009),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 75 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0009/2009),

A. billi l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 7 għall-baġit ġenerali 2009 jkopri l-Mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE għall-ammont ta' EUR 109,4 miljun f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet relatati mal-effetti tal-maltempata li laqtet lil Franza f'Jannar 2009,

B. billi l-iskop tal-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 7/2009 huwa li jiddaħħal formalment dan l-aġġustament baġitarju fil-baġit 2009,

1. Jinnota l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 7/2009, li huwa r-raba' baġit ta' emenda ddedikat biss għall-Fond ta' Solidarjetà tal-UE;

2. Jieħu nota li l-finanzjament tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE se jkun ipprovdut mill-Kapitolu 1 4 tad-Dħul tal-Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej li jikkonċerna r-Riżorsi proprji bbażati fuq id-Dħul Gross Nazzjonali skont l-Artikolu 2(1)(c) tad-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom sabiex jiġi ffinanzjat il-Kapitolu 13 06 tal-Baġit 2009 li jikkonċerna l-Fond ta' Solidarjetà;

3. Japprova l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 7/2009 mingħajr emendi;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 69, 13.3.2009.
([3]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

It-Tlieta, 15 ta' Settembru 2009

# Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 8/2009

P7_TA(2009)0012

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2009 dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 8/2009 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009: Europol, Eurojust, OLAF (12952/2009 – C7-0131/2009 – 2009/2050(BUD))**

(2010/C 224 E/21)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 272 tat-Trattat KE u l-Artikolu 177 tat-Trattat Euratom,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009, kif ġie adottat finalment fit-18 ta' Diċembru 2008 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([3]),

— wara li kkunsidra l-abbozz preliminari ta' baġit ta' emenda Nru 8/2009 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009, ippreżentat mill-Kummissjoni fit-3 ta' Lulju 2009 (COM(2009)0337),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 8/2009, li l-Kunsill stabbilixxa fis-7 ta' Settembru 2009 (12952 /2009 – C7-0131/2009),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 75 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0010/2009),

A. billi l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 8 għall-Baġit Ġenerali 2009 jkopri:

— żieda fl-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali u programmi ta' monitoraġġ tal-kundizzjonijiet fiżiċi tal-annimali li jistgħu jkunu ta' riskju għas-saħħa pubblika konnessi ma' fattur estern,

— il-ħolqien ta' partita fil-baġit "Operazzjoni tal-programmi Supplementari HFR tar-reattur ta' fluss għoli (HFR)",

— il-ħolqien ta' partita fil-baġit bl-isem Uffiċju Ewropew tal-Pulizija – l-ispejjeż tat-tranżizzjoni,

— rinforz tas-sussidju Komunitarju għall-Eurojust,

— modifika għall-pjan ta' stabbiliment tal-OLAF,

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 69, 13.3.2009.
([3]) GU C 139, 14.6.2006, p. 1.

**It-Tlieta, 15 ta' Settembru 2009**

B. billi l-iskop tal-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 8/2009 huwa li jiddaħħlu formalment dawn l-aġġustamenti baġitarji fil-baġit 2009,

1. Japprova bla emendi l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 8/2009 wara r-riżultati tat-trijalogu tal-1 ta' Settembru 2009 ([1]);

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) Ara l-Anness.

## ANNESS

TRIJALOGU TAL-1 TA' SETTEMBRU 2009

**Sommarju ta' konklużjonijiet**

Skont il-Punt 47 tal-Ftehima Interistituzzjonali (IIA) tas-17 ta' Mejju 2006, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu dwar dan li ġej:

— abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni fil-programmar finanzjarju tagħha, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jinnotaw li l-finanzjament tal-Europol bħala Aġenzija Komunitarja jista' jiġi żgurat fl-ambitu tal-limitu massimu tan-nefqa tas-sottointestatura 3a tal-Qafas Finanzjarju Plurijennali (MFF) għall-perjodu 2007-2013; l-ammont annwali se jiġi stabbilit fil-qafas ta' kull proċedura annwali tal-baġit;

— abbażi tal-abbozz preliminari ta' baġit ta' emenda Nru 8/2009 ippreżentat mill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaċċettaw l-ispejjeż ta' tranżizzjoni ta' EUR 1 250 miljun fis-sena 2009, koperti minn allokazzjonijiet mill-ġdid fi ħdan is-sottointestatura 3a tal-MFF 2007-2013;

— il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jitolbu lill-Kummissjoni biex mill-aktar fis possibbli tippreżenta abbozz ta' linji gwida komuni sabiex jiġi implimentat il-Punt 47 tal-IIA.

**Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2009**

# Perjodi tal-intervent tal-2009 u l-2010 għall-butir u l-ħalib xkumat tat-trab *

P7_TA(2009)0014

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) fir-rigward tal-perjodi tal-intervent tal-2009 u l-2010 għall-butir u l-ħalib xkumat tat-trab (COM(2009)0354 – C7-0103/2009 – 2009/0094(CNS))**

(2010/C 224 E/22)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2009)0354),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0103/2009),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 u l-Artikolu 46 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0005/2009),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni hekk kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex temenda b'hekk il-proposta tagħha, bi qbil mal-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jinformah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 1**
**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 2a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 2a*** |
| | ***Emenda lir-Regolament (KE) Nru 72/2009*** |
| | ***L-Artikolu 4(8) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 dwar modifiki għall-Politika Agrikola Komuni billi jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 320/2006, (KE) Nru 1405/2006, (KE) Nru 1234/2007, (KE) Nru 3/2008, u (KE) Nru 479/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 1883/78, (KEE) Nru 1254/89, (KEE) Nru 2247/89, (KEE) Nru 2055/93, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 2596/97, (KE) Nru 1182/2005 u (KE) Nru 315/2007 bil-ħsieb tal-adattament tal-politika agrikola komuni (1) għandu jitħassar.*** |
| | ***(1) ĠU L 30, 31.1.2009, p. 1.*** |

**Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2009**

# Skemi ta' appoġġ dirett għall-bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni *

P7_TA(2009)0015

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 73/2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għall-bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (COM(2009)0321 – C7-0093/2009 – 2009/0084(CNS))**

(2010/C 224 E/23)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2009)0321),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7–0093/2009),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 46 (1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7–0004/2009),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## Ftehima ta' Sħubija u ta' koperazzjoni bejn il-KE u t-Taġikistan ***

P7_TA(2009)0018

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-konklużjoni ta' Ftehima ta' Sħubija u Koperazzjoni li jistabilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra (12475/2004 – 11803/2004 – C6-0118/2005 – 2004/0176(AVC))**

(2010/C 224 E/24)

(Proċedura ta' kunsens)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (COM(2004)0521),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehima ta' Sħubija u ta' Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan min-naħa l-oħra (12475/2004 u 11803/2004),

— wara li kkunsidra t-talba għal kunsens magħmula mill-Kunsill skont l-Artikolu 300(3), it-tieni subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 44(2), l-aħħar sentenza tal-Artikolu 47(2), l-Artikoli 55 u 57(2), punt 3 ta' Artikolu 63(1), u l-Artikoli 71, 80(2), 93, 94, 133 u 181a tat-Trattat KE (C6-0118/2005),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 101 tat-Trattat Euratom,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 81 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0007/2009),

1. Jagħti l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehima;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tat-Taġikistan.

2010/C 224 E/13 L-approvazzjoni tal-ħatra tas-Sur Pawel Samecki bħala Membru tal-Kummissjoni

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2009 dwar l-approvazzjoni tal-ħatra tas-Sur Pawel Samecki bħala Membru tal-Kummissjoni . . . . . 40

2010/C 224 E/14 L-approvazzjoni tal-ħatra tas-Sur Karel De Gucht bħala Membru tal-Kummissjoni

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2009 dwar l-approvazzjoni tal-ħatra tas-Sur Karel De Gucht bħala Membru tal-Kummissjoni . . . . . 41

**It-Tlieta, 15 ta' Settembru 2009**

2010/C 224 E/15 Ftehima bejn il-KE u l-Mongolja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2009 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehima bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Mongolja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (COM(2007)0731 – C7-0001/2009 – 2007/0252(CNS)) . . . . . 42

2010/C 224 E/16 Ftehima bejn il-KE u ċ-Ċina: operazzjonijiet ta' trasport marittimu; adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2009 dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll li jemenda l-ftehim dwar it-trasport marittimu bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea (08127/2009 – 13698/2008 – C7-0030/2009 – 2008/0133(CNS)) . . . . . 43

2010/C 224 E/17 Il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-15 ta' Settembru 2009 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea b'konformità mal-punt 26 tal-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (COM(2009)0308 – C7-0051/2009 – 2009/2048(BUD)) . . . . . 44

ANNESS . . . . . 45

2010/C 224 E/18 Il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-15 ta' Settembru 2009 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (COM(2009)0371 – C7-0115/2009 – 2009/2066(BUD)) . . . . . 46

ANNESS . . . . . 47

2010/C 224 E/19 Abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 6/2009

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2009 dwar l-abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 6/2009 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009, Taqsima III - (11888/2009 – C7-0098/2009 – 2009/2047(BUD)) 48

2010/C 224 E/20 Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 7/2009

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2009 dwar l-Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 7/2009 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009, il-maltempata Klaus fi Franza (12951/2009 C7-0130/2009 2009/2046(BUD)) . . . . . 49

2010/C 224 E/21 Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 8/2009

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2009 dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 8/2009 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009: Europol, Eurojust, OLAF (12952/2009 – C7-0131/2009 – 2009/2050(BUD)) . . . . . 51

ANNESS . . . . . 52

MT

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2009**

2010/C 224 E/22 Perjodi tal-intervent tal-2009 u l-2010 għall-butir u l-ħalib xkumat tat-trab *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) fir-rigward tal-perjodi tal-intervent tal-2009 u l-2010 għall-butir u l-ħalib xkumat tat-trab (COM(2009)0354 – C7-0103/2009 – 2009/0094(CNS)) ... 53

2010/C 224 E/23 Skemi ta' appoġġ dirett għall-bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 73/2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għall-bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (COM(2009)0321 – C7-0093/2009 – 2009/0084(CNS)) ... 54

2010/C 224 E/24 Ftehima ta' Sħubija u ta' koperazzjoni bejn il-KE u t-Taġikistan ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-konklużjoni ta' Ftehima ta' Sħubija u Koperazzjoni li jistabilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra (12475/2004 – 11803/2004 – C6-0118/2005 – 2004/0176(AVC)) ... 55

MT

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| **I | Proċedura ta' konsultazzjoni: l-ewwel qari |
| **II | Proċedura ta' konsultazzjoni: it-tieni qari |
| *** | Proċedura ta' parir konformi |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura tiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni)

Emendi politiċi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u qawwija; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

Korrezzjonijiet u adattamenti tekniċi tas-servizzi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva rqiqa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ‖.

MT

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT